Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
Kumitat għas-Saħħa Pubblika

2025/2062(INI)

5.11.2025

EMENDI
240 - 548

Abbozz ta' rapport
Loucas Fourlas, Ruggero Razza
(PE776.849v01-00)

Pjan ta' kriżi tal-UE għall-ħaddiema fil-qasam tas-saħħa: is-sostenibbiltà tas-sistemi tal-kura tas-saħħa u l-kundizzjonijiet tal-impjieg u tax-xogħol fis-settur tal-kura tas-saħħa
(2025/2062(INI))

Emenda 240
Kathleen Funchion

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 1a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jappella għal eżenzjoni tal-infiq fuq il-kura tas-saħħa, inkluż fl-oqsma taż-żidiet fil-pagi u l-kostijiet ta' reklutaġġ, mir-regoli fiskali tal-UE;

Or. en

Emenda 241
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu -1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	-1. Jisħaq li s-saħħa hija dritt soċjali fundamentali u ben pubbliku li ma jistax ikun soġġett għar-regoli tas-suq; jappella għall-prevenzjoni ta' kwalunkwe tip ta' privatizzazzjoni jew kommoditizzazzjoni tas-servizzi tas-saħħa u l-promozzjoni ta' strutturi pubbliċi, mingħajr skop ta' qligħ u universalment aċċessibbli;

Or. el

Emenda 242
Tomislav Sokol, Adam Jarubas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Iqis li l-UE għandha tappoġġja b'mod urġenti strateġija ta' azzjoni Ewropea komprensiva fit-tul għall-forza	1. Iqis li l-UE għandha tappoġġja b'mod urġenti strateġija ta' azzjoni Ewropea komprensiva ***u*** fit-tul għall-forza

tax-xogħol tas-saħħa allinjata max-xejriet demografiċi ***u*** teknoloġiċi***, u*** ffukata fuq data, ħiliet u innovazzjoni aħjar, biex tgħin lill-Istati Membri jiżguraw sistemi tal-kura tas-saħħa sostenibbli u ċċentrati fuq il-pazjent; jistieden lill-Istati Membri jadottaw u jaġġornaw b'mod regolari l-istrateġiji nazzjonali ***tagħhom***;	tax-xogħol tas-saħħa allinjata max-xejriet demografiċi***,*** teknoloġiċi ***u epidemjoloġiċi*** ffukata fuq data, ħiliet u innovazzjoni aħjar, biex tgħin lill-Istati Membri jiżguraw sistemi tal-kura tas-saħħa sostenibbli u ċċentrati fuq il-pazjent; jistieden lill-Istati Membri jadottaw u jaġġornaw b'mod regolari nazzjonali ***komprensivi għall-forza tax-xogħol tas-saħħa li jkopru l-istadji kollha taċ-ċiklu tal-ħajja professjonali, mill-edukazzjoni u r-reklutaġġ għaż-żamma, l-iżvilupp professjonali kontinwu u l-involviment tard fil-karriera***;

Or. en

Emenda 243
Nikos Papandreou, Romana Jerković, Christophe Clergeau

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Iqis li l-UE għandha tappoġġja b'mod urġenti strateġija ta' azzjoni Ewropea komprensiva fit-tul għall-forza tax-xogħol tas-saħħa allinjata max-xejriet demografiċi u teknoloġiċi, u ffukata fuq data, ħiliet u innovazzjoni aħjar, biex tgħin lill-Istati Membri jiżguraw sistemi tal-kura tas-saħħa sostenibbli u ċċentrati fuq il-pazjent; jistieden lill-Istati Membri jadottaw u jaġġornaw b'mod regolari l-istrateġiji nazzjonali tagħhom;	1. Iqis li l-UE għandha tappoġġja b'mod urġenti strateġija ta' azzjoni Ewropea komprensiva fit-tul għall-forza tax-xogħol tas-saħħa allinjata max-xejriet demografiċi u teknoloġiċi, u ffukata fuq data, ħiliet u innovazzjoni aħjar, biex tgħin lill-Istati Membri jiżguraw sistemi tal-kura tas-saħħa sostenibbli u ċċentrati fuq il-pazjent; jistieden lill-Istati Membri jadottaw u jaġġornaw b'mod regolari l-istrateġiji nazzjonali tagħhom; ***jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropea tappoġġja lill-Istati Membri tal-UE biex jaqblu dwar standards minimi ta' referenza għall-persunal tal-isptarijiet u l-istabbiliment ta' kwota ta' pazjenti għal tabib biex jiġi pprevenut ix-xogħol żejjed għall-persunal u jittejbu l-effiċjenza, l-effettività u l-benesseri mentali, filwaqt li jnaqqsu l-iżbalji u jsaħħu l-prestazzjoni tas-sistema tal-kura tas-saħħa ġenerali;***

Or. en

Emenda 244
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Iqis li l-UE għandha tappoġġja b'mod urġenti strateġija ta' azzjoni Ewropea komprensiva fit-tul għall-forza tax-xogħol tas-saħħa allinjata max-xejriet demografiċi u teknoloġiċi, u ffukata fuq data, ħiliet u innovazzjoni aħjar, biex tgħin lill-Istati Membri jiżguraw sistemi tal-kura tas-saħħa sostenibbli u ċċentrati fuq il-pazjent; jistieden lill-Istati Membri jadottaw u jaġġornaw b'mod regolari l-istrateġiji nazzjonali tagħhom;	1. Iqis li l-UE għandha tappoġġja b'mod urġenti strateġija ta' azzjoni Ewropea komprensiva fit-tul għall-forza tax-xogħol tas-saħħa allinjata max-xejriet demografiċi u teknoloġiċi, u ffukata fuq data, ħiliet u innovazzjoni aħjar, biex tgħin lill-Istati Membri jiżguraw sistemi tal-kura tas-saħħa sostenibbli u ċċentrati fuq il-pazjent; ***jinnota li l-iskarsezzi tal-forza tax-xogħol jestendu għall-partijiet kollha tal-ekosistema tas-saħħa, b'impatt mhux biss fuq it-tobba u l-infermiera iżda anke fuq il-paramediċi, il-psikologi u professjonisti u persunal ta' appoġġ essenzjali oħra li jsostnu l-għoti tal-kura;*** jistieden lill-Istati Membri jadottaw u jaġġornaw b'mod regolari l-istrateġiji nazzjonali tagħhom ***b'attenzjoni partikolari għal reġjuni mhux moqdija biżżejjed u dawk b'infrastruttura tas-saħħa anqas żviluppata***;

Or. en

Emenda 245
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Iqis li l-UE għandha tappoġġja b'mod urġenti strateġija ta' azzjoni Ewropea komprensiva fit-tul għall-forza	1. Iqis li l-UE għandha tappoġġja b'mod urġenti strateġija ta' azzjoni Ewropea komprensiva fit-tul ***u soċjalment***

tax-xogħol tas-saħħa ***allinjata max-xejriet*** demografiċi u teknoloġiċi, u ***ffukata*** fuq data, ħiliet u innovazzjoni aħjar, biex tgħin lill-Istati Membri jiżguraw sistemi tal-kura tas-saħħa sostenibbli u ċċentrati fuq il-pazjent; jistieden lill-Istati Membri jadottaw u jaġġornaw b'mod regolari l-istrateġiji nazzjonali tagħhom;	***ġusta*** għall-forza tax-xogħol tas-saħħa***, li tagħti prijorità lill-finanzjament pubbliku, l-aċċess universali u drittijiet tax-xogħol u ftehimiet kollettivi aktar b'saħħithom; iqis li strateġija bħal din għandu jkollha l-għan li telimina b'mod immedjat u definittiv il-forom prekarji ta' impjieg u l-privatizzazzjoni tas-servizzi tas-saħħa; iqis li l-istrateġija għandha tqis ix-xejriet*** demografiċi u teknoloġiċi, u ***tiffoka*** fuq data, ħiliet u innovazzjoni aħjar, biex tgħin lill-Istati Membri jiżguraw sistemi tal-kura tas-saħħa sostenibbli u ċċentrati fuq il-pazjent; jistieden lill-Istati Membri jadottaw u jaġġornaw b'mod regolari l-istrateġiji nazzjonali tagħhom;

Or. el

Emenda 246
Kateřina Konečná

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Iqis li l-UE għandha ***tappoġġja b'mod urġenti*** strateġija ta' azzjoni Ewropea komprensiva fit-tul għall-forza tax-xogħol tas-saħħa allinjata max-xejriet demografiċi u teknoloġiċi, u ffukata fuq data, ħiliet u innovazzjoni aħjar, biex tgħin lill-Istati Membri jiżguraw sistemi tal-kura tas-saħħa sostenibbli u ċċentrati fuq il-pazjent; jistieden lill-Istati Membri jadottaw u jaġġornaw b'mod regolari l-istrateġiji nazzjonali tagħhom;	1. Iqis li l-UE għandha ***tistabbilixxi f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà,*** strateġija ta' azzjoni Ewropea komprensiva fit-tul għall-forza tax-xogħol tas-saħħa allinjata max-xejriet demografiċi u teknoloġiċi, u ffukata fuq ***kundizzjonijiet tax-xogħol,*** data, ħiliet u innovazzjoni aħjar, biex tgħin lill-Istati Membri jiżguraw sistemi tal-kura tas-saħħa ***aċċessibbli, affordabbli,*** sostenibbli u ċċentrati fuq il-pazjent ***li jiggarantixxu kura tas-saħħa ta' kwalità għolja għal kulħadd***; jistieden lill-Istati Membri jadottaw u jaġġornaw b'mod regolari l-istrateġiji nazzjonali tagħhom;

Or. en

Emenda 247
Marie-Luce Brasier-Clain, Aleksandar Nikolic, Nikola Bartůšek, Ondřej Knotek, Valérie Deloge, Viktória Ferenc, Pál Szekeres, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Iqis li l-UE għandha tappoġġja b'mod urġenti ***strateġija*** ta' azzjoni ***Ewropea komprensiva*** fit-tul għall-forza tax-xogħol tas-saħħa ***allinjata max-xejriet*** demografiċi u teknoloġiċi, u ***ffukata*** fuq data, ħiliet u innovazzjoni aħjar***, biex tgħin*** lill-Istati Membri jiżguraw sistemi tal-kura tas-saħħa sostenibbli u ċċentrati fuq il-pazjent; jistieden lill-Istati Membri jadottaw u jaġġornaw b'mod regolari l-istrateġiji nazzjonali tagħhom;	1. Iqis li l-UE għandha tappoġġja b'mod urġenti ***lill-Istati Membri fl-istrateġiji tagħhom*** ta' azzjoni ***nazzjonali*** fit-tul għall-forza tax-xogħol tas-saħħa***, dment li jindirizzaw l-isfidi ewlenin tas-settur, li jqisu x-xejriet*** demografiċi u teknoloġiċi, u ***jiffukaw*** fuq data, ħiliet u innovazzjoni aħjar; ***jinnota li dan l-appoġġ tal-Unjoni se jgħin*** lill-Istati Membri jiżguraw sistemi tal-kura tas-saħħa sostenibbli u ċċentrati fuq il-pazjent; jistieden lill-Istati Membri jadottaw u jaġġornaw b'mod regolari l-istrateġiji nazzjonali tagħhom;

Or. fr

Emenda 248
Estelle Ceulemans, Gabriele Bischoff, Marc Angel, Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel, Marit Maij, Isilda Gomes, Romana Jerković, Klára Dobrev, Evelyn Regner, Marianne Vind

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Iqis li l-UE għandha ***tappoġġja*** b'mod urġenti strateġija ta' azzjoni Ewropea komprensiva fit-tul għall-forza tax-xogħol tas-saħħa allinjata max-xejriet demografiċi u teknoloġiċi, u ffukata fuq data***, ħiliet*** u innovazzjoni aħjar, biex tgħin lill-Istati Membri jiżguraw sistemi tal-kura tas-saħħa sostenibbli u ċċentrati fuq il-pazjent; jistieden lill-Istati Membri jadottaw u jaġġornaw b'mod regolari l-istrateġiji nazzjonali tagħhom;	1. ***Jissottolinja li l-kriżi marbuta mal-forza tax-xogħol fil-qasam tal-kura tas-saħħa għadha ma ngħatatx il-prijorità li teħtieġ b'mod urġenti u li għad hemm sfidi kbar;*** iqis li l-UE għandha ***tiżviluppa*** b'mod urġenti strateġija ta' azzjoni Ewropea komprensiva fit-tul għall-forza tax-xogħol tas-saħħa allinjata max-xejriet demografiċi u teknoloġiċi, u ffukata fuq ***l-iskarsezzi, id-diskrepanzi fil-ħiliet, kundizzjonijiet tax-xogħol aħjar, it-taħriġ,***

il-mobbiltà tal-impjieg, data u innovazzjoni aħjar, biex tgħin lill-Istati Membri jiżguraw sistemi tal-kura tas-saħħa sostenibbli u ċċentrati fuq il-pazjent; jistieden lill-Istati Membri jadottaw u jaġġornaw b'mod regolari l-istrateġiji nazzjonali tagħhom; ***jistieden lill-Kummissjoni tiddiskuti din l-istrateġija mas-sħab soċjali u l-korpi professjonali tal-UE;***

Or. en

Emenda 249
Giorgos Georgiou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Iqis li l-UE għandha ***tappoġġja*** b'mod urġenti strateġija ta' azzjoni Ewropea komprensiva fit-tul għall-forza tax-xogħol tas-saħħa allinjata max-xejriet demografiċi u teknoloġiċi, u ffukata fuq data, ħiliet u innovazzjoni aħjar, biex tgħin lill-Istati Membri jiżguraw sistemi tal-kura tas-saħħa sostenibbli u ċċentrati fuq il-pazjent; jistieden lill-Istati Membri jadottaw u jaġġornaw b'mod regolari l-istrateġiji nazzjonali tagħhom;	1. Iqis li l-UE għandha ***tiżviluppa*** b'mod urġenti strateġija ta' azzjoni Ewropea komprensiva fit-tul għall-forza tax-xogħol tas-saħħa allinjata max-xejriet demografiċi u teknoloġiċi, u ffukata fuq data, ħiliet u innovazzjoni aħjar, biex tgħin lill-Istati Membri jiżguraw sistemi tal-kura tas-saħħa sostenibbli u ċċentrati fuq il-pazjent ***li jipprovdu wkoll ambjenti tax-xogħol u tat-taħriġ ġusti, sikuri u li jimmotivawk għall-professjonisti fil-kura tas-saħħa***; jistieden lill-Istati Membri jadottaw u jaġġornaw b'mod regolari l-istrateġiji nazzjonali tagħhom; ***jistieden lill-Kummissjoni tiddiskuti din l-istrateġija mas-sħab soċjali u l-korpi professjonali tal-UE u tippreżenta din l-istrateġija fit-12-il xahar li ġejjin lill-Parlament u lill-Kunsill;***

Or. en

Emenda 250

Veronika Cifrová Ostrihoňová, Irena Joveva, Vlad Vasile-Voiculescu, Jana Toom, Stine Bosse, Hristo Petrov, Olivier Chastel

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Iqis li l-UE għandha ***tappoġġja*** b'mod urġenti strateġija ta' azzjoni Ewropea komprensiva fit-tul għall-forza tax-xogħol tas-saħħa allinjata max-xejriet demografiċi u teknoloġiċi, u ffukata fuq data, ħiliet u innovazzjoni aħjar, biex tgħin lill-Istati Membri jiżguraw sistemi tal-kura tas-saħħa sostenibbli u ċċentrati fuq il-pazjent; ***jistieden lill-Istati*** Membri jadottaw u jaġġornaw b'mod regolari l-istrateġiji nazzjonali tagħhom;	1. Iqis li l-UE għandha ***tippreżenta*** b'mod urġenti strateġija ta' azzjoni Ewropea komprensiva fit-tul għall-forza tax-xogħol tas-saħħa allinjata max-xejriet demografiċi u teknoloġiċi, u ffukata fuq data, ħiliet u innovazzjoni aħjar, biex tgħin lill-Istati Membri jiżguraw sistemi tal-kura tas-saħħa sostenibbli u ċċentrati fuq il-pazjent; ***jenfasizza l-importanza għall-Istati*** Membri ***li*** jadottaw u jaġġornaw b'mod regolari l-istrateġiji nazzjonali tagħhom ***u jistieden lill-Kummissjoni timmonitorja l-iskarsezzi ta' ħaddiema mill-professjonijiet tas-saħħa u fir-reġjuni kollha kif ukoll il-politiki nazzjonali u l-investiment biex jitharrġu biżżejjed professjonisti fil-kura tas-saħħa***;

Or. en

Emenda 251
Pascal Arimont

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Iqis li l-UE għandha tappoġġja b'mod urġenti strateġija ta' azzjoni Ewropea komprensiva fit-tul għall-forza tax-xogħol tas-saħħa allinjata max-xejriet demografiċi u teknoloġiċi, u ffukata fuq data, ħiliet u innovazzjoni aħjar, biex tgħin lill-Istati Membri jiżguraw sistemi tal-kura tas-saħħa sostenibbli u ċċentrati fuq il-pazjent; jistieden lill-Istati Membri jadottaw u jaġġornaw b'mod regolari l-istrateġiji nazzjonali tagħhom;	1. Iqis li l-UE għandha tappoġġja b'mod urġenti strateġija ta' azzjoni Ewropea komprensiva fit-tul għall-forza tax-xogħol tas-saħħa allinjata max-xejriet demografiċi u teknoloġiċi, u ffukata fuq data, ħiliet u innovazzjoni aħjar, biex tgħin lill-Istati Membri jiżguraw sistemi tal-kura tas-saħħa sostenibbli u ċċentrati fuq il-pazjent; jistieden lill-Istati Membri jadottaw u jaġġornaw b'mod regolari l-istrateġiji nazzjonali tagħhom***, inkluż***

pjanijiet ta' azzjoni fit-tul biex jiġu indirizzati l-iskarsezzi fil-forza tax-xogħol fil-qasam tal-kura tas-saħħa u jiġu implimentati standards u parametri referenzjarji nazzjonali dwar il-persunal tal-forza tax-xogħol fil-kura tal-kanċer;

Or. en

Emenda 252
Viktória Ferenc, Pál Szekeres, Marie-Luce Brasier-Clain, Ondřej Knotek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Iqis li ***l-UE*** għandha tappoġġja b'mod urġenti ***strateġija ta'*** azzjoni ***Ewropea komprensiva fit-tul għall-forza tax-xogħol tas-saħħa allinjata max-xejriet*** demografiċi u teknoloġiċi***, u ffukata fuq data, ħiliet*** u ***innovazzjoni aħjar, biex tgħin*** lill-Istati Membri jiżguraw sistemi ***tal-kura*** tas-saħħa sostenibbli u ċċentrati fuq il-pazjent; jistieden lill-Istati Membri jadottaw u jaġġornaw b'mod regolari l-istrateġiji nazzjonali tagħhom;	1. Iqis li ***l-Unjoni*** għandha tappoġġja b'mod urġenti ***lill-Istati Membri fl-istrateġiji ta'*** azzjoni ***nazzjonali fit-tul tagħhom għall-ħaddiema tal-kura tas-saħħa, dment li dawn l-istrateġiji jindirizzaw l-isfidi l-kbar li jiffaċċja s-settur, filwaqt li jitqiesu x-xejriet*** demografiċi u teknoloġiċi ***kif ukoll il-privattivi Ewropej disponibbli biex jiġu żviluppati d-data, l-ħiliet*** u ***l-innovazzjoni, u jkun hemm enfasi biex dawn jittejbu***; ***jinnota li dan l-appoġġ tal-UE se jgħin*** lill-Istati Membri jiżguraw sistemi tas-saħħa sostenibbli u ċċentrati fuq il-pazjent; jistieden lill-Istati Membri jadottaw u jaġġornaw b'mod regolari l-istrateġiji nazzjonali tagħhom;

Or. en

Emenda 253
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

1. Iqis li l-UE għandha tappoġġja b'mod urġenti strateġija ta' azzjoni Ewropea komprensiva fit-tul għall-forza tax-xogħol tas-saħħa allinjata max-xejriet demografiċi u teknoloġiċi, u ffukata fuq data, ħiliet u innovazzjoni aħjar, biex tgħin lill-Istati Membri jiżguraw sistemi tal-kura tas-saħħa sostenibbli u ċċentrati fuq il-pazjent; jistieden lill-Istati Membri jadottaw u jaġġornaw b'mod regolari l-istrateġiji nazzjonali tagħhom;	1. Iqis li l-UE għandha tappoġġja b'mod urġenti strateġija ta' azzjoni Ewropea komprensiva fit-tul għall-forza tax-xogħol tas-saħħa allinjata max-xejriet demografiċi u teknoloġiċi, u ffukata fuq data, ħiliet u innovazzjoni aħjar, biex tgħin lill-Istati Membri jiżguraw sistemi tal-kura tas-saħħa sostenibbli u ċċentrati fuq il-pazjent; jistieden lill-Istati Membri jadottaw u jaġġornaw b'mod regolari l-istrateġiji nazzjonali tagħhom; ***inklużi pjanijiet ta' azzjoni fit-tul biex jiġu indirizzati l-iskarsezzi tal-forza tax-xogħol tas-saħħa u jiġu implimentati standards u parametri referenzjarji nazzjonali dwar il-persunal tal-forza tax-xogħol;***

Or. en

Emenda 254
Vytenis Povilas Andriukaitis, Marta Temido, Nikos Papandreou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Iqis li l-UE għandha tappoġġja b'mod urġenti strateġija ta' azzjoni Ewropea komprensiva fit-tul għall-forza tax-xogħol tas-saħħa allinjata max-xejriet demografiċi u teknoloġiċi, u ffukata fuq data, ħiliet u innovazzjoni aħjar, biex tgħin lill-Istati Membri jiżguraw sistemi tal-kura tas-saħħa sostenibbli u ċċentrati fuq il-pazjent; jistieden lill-Istati Membri jadottaw u jaġġornaw b'mod regolari l-istrateġiji nazzjonali tagħhom;	1. Iqis li l-UE għandha tappoġġja b'mod urġenti strateġija ta' azzjoni Ewropea komprensiva fit-tul għall-forza tax-xogħol tas-saħħa allinjata max-xejriet demografiċi u teknoloġiċi, u ffukata fuq data, ħiliet u innovazzjoni***, bilanċ ta' ħaddiema tal-kura tas-saħħa fl-UE*** aħjar, biex tgħin lill-Istati Membri jiżguraw sistemi tal-kura tas-saħħa sostenibbli***, fdati*** u ċċentrati fuq il-pazjent; jistieden lill-Istati Membri jadottaw u jaġġornaw b'mod regolari l-istrateġiji nazzjonali tagħhom ***f'konformità mal-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni fil-livell tal-UE***;

Or. en

Emenda 255

Christine Anderson, Petar Volgin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. ***Iqis li l-UE għandha tappoġġja b'mod urġenti strateġija*** ta' azzjoni ***Ewropea komprensiva fit-tul*** għall-forza tax-xogħol tas-saħħa ***allinjata*** max-xejriet demografiċi u teknoloġiċi, u ffukata fuq data, ħiliet u innovazzjoni aħjar, biex ***tgħin lill-Istati Membri*** jiżguraw sistemi tal-kura tas-saħħa sostenibbli u ċċentrati fuq il-pazjent; ***jistieden lill-Istati Membri jadottaw u jaġġornaw b'mod regolari l-istrateġiji nazzjonali tagħhom;***	1. ***Iheġġeġ lill-Istati Membri jiżviluppaw l-istrateġiji*** ta' azzjoni għall-forza tax-xogħol tas-saħħa ***tagħhom stess allinjati*** max-xejriet demografiċi u teknoloġiċi, u ffukata fuq data, ħiliet u innovazzjoni aħjar, biex jiżguraw sistemi tal-kura tas-saħħa sostenibbli u ċċentrati fuq il-pazjent;

Or. en

Emenda 256
Maria Ohisalo, Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Iqis li l-UE għandha ***tappoġġja*** b'mod urġenti strateġija ta' azzjoni Ewropea komprensiva fit-tul għall-forza tax-xogħol tas-saħħa allinjata max-xejriet demografiċi u teknoloġiċi, u ffukata fuq data, ħiliet u innovazzjoni aħjar, biex tgħin lill-Istati Membri jiżguraw sistemi tal-kura tas-saħħa sostenibbli u ċċentrati fuq il-pazjent; jistieden lill-Istati Membri jadottaw u jaġġornaw b'mod regolari l-istrateġiji nazzjonali tagħhom;	1. Iqis li l-UE għandha ***tiżviluppa*** b'mod urġenti strateġija ta' azzjoni Ewropea komprensiva fit-tul għall-forza tax-xogħol tas-saħħa allinjata max-xejriet demografiċi u teknoloġiċi, u ffukata fuq data, ħiliet u innovazzjoni aħjar, biex tgħin lill-Istati Membri jiżguraw sistemi tal-kura tas-saħħa sostenibbli u ċċentrati fuq il-pazjent***, li jipprovdu wkoll ambjenti tax-xogħol u tat-taħriġ ġusti, sikuri u li jimmotivawk għall-forza tax-xogħol fil-qasam tal-kura tas-saħħa***; jistieden lill-Istati Membri jadottaw u jaġġornaw b'mod regolari l-istrateġiji nazzjonali tagħhom;

Or. en

Emenda 257
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Iqis li l-UE għandha tappoġġja b'mod urġenti strateġija ta' azzjoni Ewropea komprensiva fit-tul għall-forza tax-xogħol tas-saħħa allinjata max-xejriet demografiċi u teknoloġiċi, u ffukata fuq data, ħiliet u innovazzjoni aħjar, biex tgħin lill-Istati Membri jiżguraw sistemi tal-kura tas-saħħa sostenibbli u ċċentrati fuq il-pazjent; jistieden lill-Istati Membri jadottaw u jaġġornaw b'mod regolari l-istrateġiji nazzjonali tagħhom;	1. Iqis li l-UE għandha tappoġġja b'mod urġenti strateġija ta' azzjoni Ewropea komprensiva fit-tul għall-forza tax-xogħol tas-saħħa allinjata max-xejriet demografiċi u teknoloġiċi, u ffukata fuq ***kundizzjonijiet tax-xogħol,*** data, ħiliet u innovazzjoni aħjar, biex tgħin lill-Istati Membri jiżguraw sistemi tal-kura tas-saħħa ***aċċessibbli, affordabbli,*** sostenibbli u ċċentrati fuq il-pazjent ***li jiggarantixxu kura tas-saħħa ta' kwalità għolja għal kulħadd***; jistieden lill-Istati Membri jadottaw u jaġġornaw b'mod regolari l-istrateġiji nazzjonali tagħhom;

Or. en

Emenda 258
Miriam Lexmann, David Casa

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Iqis li l-UE għandha tappoġġja b'mod urġenti strateġija ta' azzjoni Ewropea komprensiva fit-tul għall-forza tax-xogħol tas-saħħa allinjata max-xejriet demografiċi u teknoloġiċi, u ffukata fuq data, ħiliet u innovazzjoni aħjar, biex tgħin lill-Istati Membri jiżguraw sistemi tal-kura tas-saħħa sostenibbli u ċċentrati fuq il-pazjent; jistieden lill-Istati Membri jadottaw u jaġġornaw b'mod regolari l-istrateġiji nazzjonali tagħhom;	1. Iqis li l-UE għandha tappoġġja b'mod urġenti strateġija ta' azzjoni Ewropea komprensiva fit-tul għall-forza tax-xogħol tas-saħħa allinjata max-xejriet demografiċi u teknoloġiċi, u ffukata fuq data, ħiliet u innovazzjoni aħjar, biex tgħin lill-Istati Membri jiżguraw sistemi tal-kura tas-saħħa sostenibbli u ċċentrati fuq il-pazjent***, isolvu l-eżodu ta' mħuħ mis-settur tal-kura tas-saħħa u jattiraw liż-żgħażagħ għall-professjoni***; jistieden lill-Istati Membri jadottaw u jaġġornaw b'mod

regolari l-istrateġiji nazzjonali tagħhom;

Or. en

Emenda 259
Marta Temido, Romana Jerković, Victor Negrescu, Vytenis Povilas Andriukaitis, Pierre Jouvet, Nikos Papandreou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Iqis li l-UE għandha tappoġġja b'mod urġenti strateġija ***ta' azzjoni*** Ewropea komprensiva fit-tul għall-forza tax-xogħol tas-saħħa allinjata max-xejriet demografiċi u teknoloġiċi, u ffukata fuq data, ħiliet u innovazzjoni aħjar, biex tgħin lill-Istati Membri jiżguraw sistemi tal-kura tas-saħħa sostenibbli u ċċentrati fuq il-pazjent; jistieden lill-Istati Membri jadottaw u jaġġornaw b'mod regolari l-istrateġiji nazzjonali tagħhom;	1. Iqis li l-UE għandha tappoġġja b'mod urġenti strateġija Ewropea komprensiva***, inklużiva u adattiva*** fit-tul għall-forza tax-xogħol tas-saħħa***,*** allinjata max-xejriet ***demografiċi, epidemjoloġiċi, tal-ġeneru*** u teknoloġiċi, u ffukata fuq data, ħiliet u innovazzjoni aħjar, biex tgħin lill-Istati Membri jiżguraw sistemi tal-kura tas-saħħa sostenibbli u ċċentrati fuq il-pazjent; jistieden lill-Istati Membri jadottaw u jaġġornaw b'mod regolari l-istrateġiji nazzjonali tagħhom;

Or. en

Emenda 260
Liesbet Sommen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
1. Iqis li l-UE għandha tappoġġja b'mod urġenti strateġija ta' azzjoni Ewropea komprensiva fit-tul għall-forza tax-xogħol tas-saħħa allinjata max-xejriet demografiċi ***u*** teknoloġiċi, u ffukata fuq data, ħiliet u innovazzjoni aħjar, biex tgħin lill-Istati Membri jiżguraw sistemi tal-kura tas-saħħa sostenibbli u ċċentrati fuq il-pazjent; jistieden lill-Istati Membri	1. Iqis li l-UE għandha tappoġġja b'mod urġenti strateġija ta' azzjoni Ewropea komprensiva fit-tul għall-forza tax-xogħol tas-saħħa allinjata max-xejriet demografiċi***,*** teknoloġiċi ***u tal-għoti tal-kura***, u ffukata fuq data, ħiliet u innovazzjoni aħjar, biex tgħin lill-Istati Membri jiżguraw sistemi tal-kura tas-saħħa sostenibbli u ċċentrati fuq il-pazjent;

jadottaw u jaġġornaw b'mod regolari l-istrateġiji nazzjonali tagħhom;	jistieden lill-Istati Membri jadottaw u jaġġornaw b'mod regolari l-istrateġiji nazzjonali tagħhom;

Or. en

Emenda 261
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Irena Joveva, Vlad Vasile-Voiculescu, Jana Toom, Stine Bosse, Hristo Petrov, Olivier Chastel, Grégory Allione

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jenfasizza li l-iskarsezzi ta' ħaddiema fis-settur tas-saħħa ħolqu proporzjon mhux sostenibbli bejn il-pazjenti u l-professjonisti fil-kura tas-saħħa, li jwassal għal konsegwenzi serji kemm għall-professjonisti kif ukoll għall-pazjenti, bħal ħinijiet ta' konsultazzjoni iqsar, listi ta' stennija itwal u sistemi tal-kura tas-saħħa mgħobbija żżejjed, servizzi tal-emerġenza mimlijin wisq, aktar problemi tas-saħħa mentali fost il-professjonisti, ħin imnaqqas għall-kura preventiva u tnaqqis ġenerali fil-kwalità tas-servizzi tal-kura tas-saħħa;

Or. en

Emenda 262
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jappella għall-istabbiliment ta' programm ta' azzjoni Ewropew li jindirizza l-iskarsezza tal-infermiera u professjonisti fil-kura tas-saħħa u tal-kura oħra; jisħaq li l-Istati Membri

għandhom jikkooperaw minflok jikkompetu għal riżorsi tal-forza tax-xogħol tas-saħħa skarsi, u li huma meħtieġa miżuri Ewropej konġunti biex itejbu r-reklutaġġ, iż-żamma, it-taħriġ u l-kundizzjonijiet tax-xogħol fl-Unjoni kollha; jissottolinja li l-azzjoni kkoordinata hija kruċjali biex tiżgura aċċess ekwu għall-kura tas-saħħa ta' kwalità fl-Istati Membri kollha;

Or. en

Emenda 263
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jirrikonoxxi li madwar nofs it-tobba kkwalifikati li għadhom qed jitħarrġu jaħdmu aktar minn 55 siegħa fil-ġimgħa, 20 % tat-tobba żgħażagħ waqt it-taħriġ jaħdmu aktar minn 70 siegħa fil-ġimgħa skont is-sejbiet tal-aħħar stħarriġ[1a] — ferm aktar mil-limitu massimu legali ta' 48 siegħa stabbilit mid-Direttiva Ewropea dwar il-Ħin tax-Xogħol (EWTD) – li tenfasizza sfidi persistenti fl-iżgurar tal-konformità mal-istandards tax-xogħol tal-UE u l-protezzjoni tal-benesseri tal-persunal;
	[1a] REST-JD Report, Research on European Junior Doctors' Satisfaction and Working time (Ir-Rapport REST-JD, Riċerka dwar is-Sodisfazzjoni u l-Ħin tax-Xogħol tat-Tobba Ewropej Ikkwalifikati li Għadhom qed Jitħarrġu), 2025

Or. en

Emenda 264
Kateřina Konečná

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jissottolinja l-ħtieġa ta' baġit tas-saħħa komprensiv u ffinanzjat b'mod adegwat fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2028–2034, li jiżgura l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġija Ewropea fit-tul tal-forza tax-xogħol tas-saħħa, li jindirizza l-iskarsezzi fil-forza tax-xogħol fil-qasam tal-kura tas-saħħa u jiżgura li s-sistemi tas-saħħa fl-Unjoni kollha jkunu sostenibbli, reżiljenti u aċċessibbli;

Or. en

Emenda 265
Ruggero Razza, Michele Picaro, Carlo Ciccioli, Laurence Trochu, Francesco Torselli, Chiara Gemma

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja lill-Istati Membri fl-indirizzar tal-isfidi marbuta mal-forza tax-xogħol tas-saħħa permezz ta' strumenti bbażati fuq l-evidenza, kooperazzjoni volontarja, skambju tal-aħjar prattiki u finanzjament immirat, mingħajr ma timponi obbligi vinkolanti ġodda jew rekwiżiti armonizzati fir-rigward tal-allokazzjoni tal-persunal fil-livell tal-UE;

Or. it

Emenda 266
Aurelijus Veryga

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jappella għall-implimentazzjoni ta' strateġiji integrati tal-forza tax-xogħol kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll Ewropew, li jkollhom l-għan li jallinjaw il-kapaċitajiet edukattivi mal-ħtiġijiet tas-sistema tal-kura tas-saħħa u jiżguraw li l-Istati Membri kollha jkollhom għadd suffiċjenti ta' professjonisti fil-kura tas-saħħa mħarrġa b'mod adegwat;

Or. en

Emenda 267
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1b. Jappella għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' miżuri komprensivi biex jiġi pprevenut il-burnout u jiġu appoġġjati s-saħħa mentali u l-benesseri kif ukoll is-sodisfazzjoni fix-xogħol tal-ħaddiema tas-saħħa u tal-kura, inkluż l-iżgurar ta' livelli ta' persunal adegwati, remunerazzjoni ġusta, kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri u flessibbli, aċċess għal appoġġ psikosoċjali u konsulenza, u l-integrazzjoni sistematika tal-promozzjoni tas-saħħa mentali u programmi ta' prevenzjoni fil-postijiet tax-xogħol;

Or. en

Emenda 268
Aurelijus Veryga

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1b. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-ġbir u l-użu ta' data affidabbli dwar il-kapaċità tal-forza tax-xogħol tas-saħħa u l-kundizzjonijiet tax-xogħol; jissottolinja li l-miżuri biex jiġu indirizzati l-iskarsezzi tal-forza tax-xogħol u jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol għandhom ikunu bbażati fuq data xjentifika, li tiżgura s-sostenibbiltà u l-effettività fit-tul tas-sistemi tal-kura tas-saħħa;

Or. en

Emenda 269
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Irena Joveva, Vlad Vasile-Voiculescu, Jana Toom, Stine Bosse, Hristo Petrov, Olivier Chastel, Grégory Allione

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1b. Jiddeplora l-fatt li d-diffikultajiet fl-aċċess għal kura formali affordabbli u ta' kwalità jistgħu jwasslu għal dipendenza żejda minn kura informali jew xogħol mhux iddikjarat li jkollhom konsegwenzi fuq terminu qasir sa twil fuq in-nisa, b'mod partikolari f'termini tal-livell ta' impjieg, paga u pensjoni, kif ukoll bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata;

Or. en

Emenda 270
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 1b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1b. Jissottolinja li sejbiet reċenti[1b] juru kuntrast qawwi fis-sodisfazzjoni bejn ix-xogħol u l-ħajja privata fost it-tobba kkwalifikati li għadhom qed jitħarrġu, b'60 % ta' dawk li jaħdmu aktar minn 48 siegħa fil-ġimgħa jirrapportaw nuqqas ta' sodisfazzjoni, meta mqabbla ma' 26 % biss fost dawk li jaħdmu sal-limitu legali;
	[1b] REST-JD Report, Research on European Junior Doctors' Satisfaction and Working time (Ir-Rapport REST-JD, Riċerka dwar is-Sodisfazzjoni u l-Ħin tax-Xogħol tat-Tobba Ewropej Ikkwalifikati li Għadhom qed Jitħarrġu), 2025

Or. en

Emenda 271
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1c. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jiżviluppaw pjan biex gradwalment inaqqsu d-diskrepanza bejn is-sigħat tax-xogħol fil-prattika u l-limiti stabbiliti mid-Direttiva Ewropea dwar il-Ħin tax-Xogħol (EWTD), jippromwovu kundizzjonijiet tat-taħriġ u tax-xogħol ġusti, sikuri u ta' appoġġ għat-tobba kkwalifikati li għadhom qed jitħarrġu, u jtejbu l-ġbir tad-data u l-monitoraġġ tal-burnout u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata fil-forza tax-xogħol medika magħmula minn persunal ikkwalifikat li għadu qed jitħarreġ;

Or. en

Emenda 272
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1d. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jittrattaw lit-tobba kkwalifikati li għadhom qed jitħarrġu bħala parti essenzjali mill-ippjanar tal-forza tax-xogħol u joħolqu b'mod konġunt inizjattivi mmirati li jiżguraw ambjenti tax-xogħol sikuri u ta' appoġġ, jipprovdu programmi ta' taħriġ ta' kwalità għolja b'superviżjoni u mentoraġġ adegwati, jippromwovu perkorsi tal-karriera trasparenti, jiggarantixxu remunerazzjoni ġusta u jsaħħu l-fiduċja reċiproka, ir-rispett u l-benesseri mentali fuq il-post tax-xogħol;

Or. en

Emenda 273
Tomislav Sokol, Adam Jarubas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi prinċipji komuni għal oqfsa ta' persunal sikuri u ta' kwalità għolja, ankrati fir-riżultati fir-rigward tas-sikurezza tal-pazjenti u fil-valutazzjoni bbażata fuq ir-riskju, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ il-kompetenzi nazzjonali u d-diversità tal-mudelli tas-sistemi tas-saħħa; jistieden lill-Istati Membri jadottaw oqfsa nazzjonali sussegwentement, inklużi limiti minimi ta' persunal u ħinijiet minimi ta'	2. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi prinċipji komuni għal oqfsa ta' persunal sikuri u ta' kwalità għolja, ankrati fir-riżultati fir-rigward tas-sikurezza tal-pazjenti u fil-valutazzjoni bbażata fuq ir-riskju ***inkluż l-istabbiliment ta' parametri referenzjarji għal-livelli ta' persunal sikuri bbażati fuq l-evidenza, il-kontroll tal-ammont ta' xogħol u l-proporzjonijiet ta' infermiera għal pazjenti, b'mod partikolari f'ambjenti ta' akutezza għolja,***

konsultazzjoni; jirrikonoxxi, fl-istess ħin, li l-Istati Membri jżommu l-flessibbiltà li jiddefinixxu, jimplimentaw u jirrieżaminaw regolarment l-approċċi nazzjonali tal-persunal abbażi tal-evidenza, il-kuntest kliniku u d-djalogu soċjali, filwaqt li jiżguraw rappurtar trasparenti dwar l-indikaturi tal-kwalità u tas-sikurezza;

pereżempju l-unitajiet tal-kura intensiva (ICUs) u l-laboratorji tal-kateterizzazzjoni, u l-integrazzjoni tal-Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni (KPIs), pereżempju l-"ħin mid-dħul sal-bużżieqa" għal infart mijokardijaku b'elevazzjoni tas-segment ST (STEMI) fl-oqfsa ta' monitoraġġ, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ il-kompetenzi nazzjonali u d-diversità tal-mudelli tas-sistemi tas-saħħa***; jissottolinja li l-ippjanar effettiv tal-forza tax-xogħol jirrikjedi koordinazzjoni interministerjali b'saħħitha, li tinvolvi lill-awtoritajiet tas-saħħa, tal-edukazzjoni, tax-xogħol, tal-finanzi u demografiċi, biex jiġi żgurat li s-sistemi tal-edukazzjoni, il-mekkaniżmi tal-finanzjament u l-politiki tas-suq tax-xogħol ikunu koerenti u reattivi għall-ħtiġijiet tas-saħħa nazzjonali u reġjonali***; jistieden lill-Istati Membri jadottaw oqfsa nazzjonali sussegwentement, inklużi limiti minimi ta' persunal u ħinijiet minimi ta' konsultazzjoni; jirrikonoxxi, fl-istess ħin, li l-Istati Membri jżommu l-flessibbiltà li jiddefinixxu, jimplimentaw u jirrieżaminaw regolarment l-approċċi nazzjonali tal-persunal abbażi tal-evidenza, il-kuntest kliniku u d-djalogu soċjali, filwaqt li jiżguraw rappurtar trasparenti dwar l-indikaturi tal-kwalità u tas-sikurezza;

Or. en

Emenda 274
Pascal Arimont

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi prinċipji komuni għal oqfsa ta' persunal sikuri u ta' kwalità għolja, ***ankrati***	2. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi prinċipji komuni għal oqfsa ta' persunal sikuri u ta' kwalità għolja, ***li***

fir-riżultati fir-rigward tas-sikurezza tal-pazjenti u fil-valutazzjoni bbażata fuq ir-riskju, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ il-kompetenzi nazzjonali u d-diversità tal-mudelli tas-sistemi tas-saħħa; jistieden lill-Istati Membri jadottaw oqfsa nazzjonali sussegwentement, inklużi limiti minimi ta' persunal u ħinijiet minimi ta' konsultazzjoni; jirrikonoxxi, fl-istess ħin, li l-Istati Membri jżommu l-flessibbiltà li jiddefinixxu, jimplimentaw u jirrieżaminaw regolarment l-approċċi nazzjonali tal-persunal abbażi tal-evidenza, il-kuntest kliniku u d-djalogu soċjali, filwaqt li jiżguraw rappurtar trasparenti dwar l-indikaturi tal-kwalità u tas-sikurezza;

tinkludi miżuri biex jitnaqqas il-piż fiżiku, psikoloġiku u amministrattiv iffaċċjat mill-ħaddiema tal-kura tas-saħħa, inkluż l-istabbiliment ta' parametri referenzjarji għal-livelli ta' persunal sikuri bbażati fuq l-evidenza, il-kontroll tal-ammont ta' xogħol u l-proporzjonijiet ta' infermiera għal pazjenti, b'mod partikolari f'ambjenti ta' akutezza għolja, pereżempju l-unitajiet tal-kura intensiva (ICUs) u l-laboratorji tal-kateterizzazzjoni, u l-integrazzjoni tal-Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni (KPIs), pereżempju l-"ħin mid-dħul sal-bużżieqa" għal infart mijokardijaku b'elevazzjoni tas-segment ST (STEMI) fl-oqfsa ta' monitoraġġ, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ il-kompetenzi nazzjonali u d-diversità tal-mudelli tas-sistemi tas-saħħa; jistieden lill-Istati Membri jadottaw oqfsa nazzjonali sussegwentement, inklużi ***standards tas-sikurezza fiżika u psikoloġika, limitu tal-effiċjenza tas-sistema tas-saħħa,*** limiti minimi ta' persunal u ħinijiet minimi ta' konsultazzjoni; jirrikonoxxi, fl-istess ħin, li l-Istati Membri jżommu l-flessibbiltà li jiddefinixxu, jimplimentaw u jirrieżaminaw regolarment l-approċċi nazzjonali tal-persunal abbażi tal-evidenza, il-kuntest kliniku u d-djalogu soċjali, filwaqt li jiżguraw rappurtar trasparenti dwar l-indikaturi tal-kwalità u tas-sikurezza ***kif ukoll l-indikaturi tal-effiċjenza***;

Or. en

Emenda 275
Maria Ohisalo, Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

2. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi ***rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi prinċipji komuni għal oqfsa*** ta' persunal sikuri ***u ta' kwalità għolja***, ankrati fir-riżultati fir-rigward tas-sikurezza tal-pazjenti ***u fil-valutazzjoni bbażata fuq ir-riskju, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ il-kompetenzi nazzjonali*** u d-diversità tal-mudelli tas-sistemi tas-saħħa; jistieden lill-Istati Membri jadottaw oqfsa nazzjonali sussegwentement, inklużi limiti minimi ta' persunal u ħinijiet minimi ta' konsultazzjoni***; jirrikonoxxi***, fl-istess ħin, li l-Istati Membri ***jżommu l-flessibbiltà li*** jiddefinixxu, jimplimentaw u jirrieżaminaw regolarment l-approċċi nazzjonali tal-persunal ***abbażi tal-evidenza, il-kuntest kliniku u d-djalogu soċjali***, filwaqt li jiżguraw rappurtar trasparenti dwar l-indikaturi tal-kwalità u tas-sikurezza;	2. ***Jissottolinja li livelli ta' persunal sikuri, kundizzjonijiet tax-xogħol tajbin u l-għadd u l-kombinament xierqa ta' professjonisti fil-kura tas-saħħa bil-ħiliet u l-kompetenzi t-tajbin biex jieħdu ħsieb il-pazjenti b'mod effettiv huma essenzjali għas-sikurezza tal-pazjenti, il-kwalità tal-kura u l-benesseri tal-persunal;*** jistieden lill-Kummissjoni tipproponi ***leġiżlazzjoni qafas tal-UE dwar livelli*** ta' persunal sikuri ***għall-kategoriji kollha ta' ħaddiema tal-kura tas-saħħa***, ankrati fir-riżultati fir-rigward tas-sikurezza ***u l-benesseri*** tal-pazjenti u d-diversità tal-mudelli tas-sistemi tas-saħħa ***fl-Istati Membri kollha***; jistieden lill-Istati Membri jadottaw oqfsa nazzjonali ***adegwati*** sussegwentement, inklużi limiti minimi ta' persunal u ħinijiet minimi ta' konsultazzjoni ***kemm għall-pazjent kif ukoll għal min jagħti l-kura; jinkoraġġixxi*** fl-istess ħin, li l-Istati Membri jiddefinixxu, jimplimentaw u jirrieżaminaw regolarment l-approċċi nazzjonali tal-persunal, filwaqt li jiżguraw rappurtar trasparenti dwar l-indikaturi tal-kwalità u tas-sikurezza***, abbażi tad-djalogu soċjali u l-evidenza***;

Or. en

Emenda 276
Francesco Torselli, Chiara Gemma, Georgiana Teodorescu, Mariateresa Vivaldini, Lara Magoni

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi prinċipji komuni għal oqfsa ta' persunal sikuri u ta' kwalità għolja, ***ankrati fir-riżultati fir-rigward tas-sikurezza tal-pazjenti u fil-valutazzjoni bbażata fuq ir-riskju***, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ il-kompetenzi nazzjonali u d-diversità tal-	2. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi prinċipji komuni għal oqfsa ta' persunal sikuri u ta' kwalità għolja, ***inkluż l-istabbiliment ta' parametri referenzjarji għal-livelli ta' persunal sikuri bbażati fuq l-evidenza, il-kontroll tal-ammont ta' xogħol u l-proporzjonijiet ta' infermiera***

mudelli tas-sistemi tas-saħħa; jistieden lill-Istati Membri jadottaw oqfsa nazzjonali sussegwentement, inklużi limiti minimi ta' persunal u ħinijiet minimi ta' konsultazzjoni; jirrikonoxxi, fl-istess ħin, li l-Istati Membri jżommu l-flessibbiltà li jiddefinixxu, jimplimentaw u jirrieżaminaw regolarment l-approċċi nazzjonali tal-persunal abbażi tal-evidenza, il-kuntest kliniku u d-djalogu soċjali, filwaqt li jiżguraw rappurtar trasparenti dwar l-indikaturi tal-kwalità u tas-sikurezza;

għal pazjenti, b'mod partikolari f'ambjenti ta' akutezza għolja, pereżempju l-unitajiet tal-kura intensiva (ICUs) u l-laboratorji tal-kateterizzazzjoni, u l-integrazzjoni tal-Indikaturi Ewlenin tal-Prestazzjoni (KPIs), pereżempju l-"ħin mid-dħul sal-bużżieqa" għal infart mijokardijaku b'elevazzjoni tas-segment ST (STEMI) fl-oqfsa ta' monitoraġġ, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ il-kompetenzi nazzjonali u d-diversità tal-mudelli tas-sistemi tas-saħħa; jistieden lill-Istati Membri jadottaw oqfsa nazzjonali sussegwentement, inklużi limiti minimi ta' persunal u ħinijiet minimi ta' konsultazzjoni; jirrikonoxxi, fl-istess ħin, li l-Istati Membri jżommu l-flessibbiltà li jiddefinixxu, jimplimentaw u jirrieżaminaw regolarment l-approċċi nazzjonali tal-persunal abbażi tal-evidenza, il-kuntest kliniku u d-djalogu soċjali, filwaqt li jiżguraw rappurtar trasparenti dwar l-indikaturi tal-kwalità u tas-sikurezza;

Or. en

Emenda 277
Kathleen Funchion

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi prinċipji komuni għal oqfsa ta' persunal sikuri u ta' kwalità għolja, ankrati fir-riżultati fir-rigward tas-sikurezza tal-pazjenti u fil-valutazzjoni bbażata fuq ir-riskju, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ il-kompetenzi nazzjonali u d-diversità tal-mudelli tas-sistemi tas-saħħa; jistieden lill-Istati Membri jadottaw oqfsa nazzjonali sussegwentement, inklużi limiti minimi ta' persunal u ħinijiet minimi ta'	2. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi prinċipji komuni għal oqfsa ta' persunal sikuri u ta' kwalità għolja***, inizjattiva fuq livell Ewropew dwar il-Livelli ta' Persunal Sikuri għall-ħaddiema u l-professjonisti fil-kura tas-saħħa, inklużi l-proporzjonijiet ta' infermiera għal pazjenti vinkolanti u r-rikonoxximent tal-livelli ta' persunal mhux sikuri bħala riskju okkupazzjonali għall-ħaddiema;*** ankrati fir-riżultati fir-

konsultazzjoni; jirrikonoxxi, fl-istess ħin, li l-Istati Membri jżommu l-flessibbiltà li jiddefinixxu, jimplimentaw u jirrieżaminaw regolarment l-approċċi nazzjonali tal-persunal abbażi tal-evidenza, il-kuntest kliniku u d-djalogu soċjali, filwaqt li jiżguraw rappurtar trasparenti dwar l-indikaturi tal-kwalità u tas-sikurezza;

rigward tas-sikurezza tal-pazjenti u fil-valutazzjoni bbażata fuq ir-riskju, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ il-kompetenzi nazzjonali***, l-awtonomija tas-sħab soċjali*** u d-diversità tal-mudelli tas-sistemi tas-saħħa; jistieden lill-Istati Membri jadottaw ***u jimplimentaw*** oqfsa nazzjonali ***ta' leġiżlazzjoni dwar il-livelli ta' persunal sikuri*** sussegwentement, inklużi limiti minimi ta' persunal u ħinijiet minimi ta' konsultazzjoni; jirrikonoxxi, fl-istess ħin, li l-Istati Membri jżommu l-flessibbiltà li jiddefinixxu, jimplimentaw u jirrieżaminaw regolarment l-approċċi ***tal-inizjattivi*** nazzjonali tal-persunal abbażi tal-evidenza, il-kuntest kliniku u d-djalogu soċjali, filwaqt li jiżguraw rappurtar trasparenti dwar l-indikaturi tal-kwalità u tas-sikurezza;

Or. en

Emenda 278
Estelle Ceulemans, Gabriele Bischoff, Marc Angel, Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel, Marit Maij, Isilda Gomes, Romana Jerković, Klára Dobrev, Evelyn Regner, Marianne Vind

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi prinċipji komuni għal oqfsa ta' persunal sikuri u ta' kwalità għolja, ankrati fir-riżultati fir-rigward tas-sikurezza tal-pazjenti u fil-valutazzjoni bbażata fuq ir-riskju, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ il-kompetenzi nazzjonali u d-diversità tal-mudelli tas-sistemi tas-saħħa; jistieden lill-Istati Membri jadottaw ***oqfsa*** nazzjonali sussegwentement***, inklużi limiti minimi ta' persunal u ħinijiet minimi ta' konsultazzjoni***; jirrikonoxxi, fl-istess ħin, li l-Istati Membri jżommu l-flessibbiltà li jiddefinixxu, jimplimentaw u	2. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi prinċipji komuni għal oqfsa ta' persunal sikuri u ta' kwalità għolja, ankrati fir-riżultati fir-rigward tas-sikurezza tal-pazjenti u fil-valutazzjoni bbażata fuq ir-riskju ***għall-gruppi okkupazzjonali kollha***, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ il-kompetenzi nazzjonali u d-diversità tal-mudelli tas-sistemi tas-saħħa; jistieden lill-Istati Membri jadottaw ***u jimplimentaw leġiżlazzjonijiet*** nazzjonali ***tal-Livelli*** ta' Persunal ***Sikuri*** sussegwentement; jirrikonoxxi, fl-istess ħin, li l-Istati Membri jżommu l-flessibbiltà li jiddefinixxu,

jirrieżaminaw regolarment ***l-approċċi*** nazzjonali ***tal-persunal*** abbażi tal-evidenza, il-kuntest kliniku ***u d-djalogu*** soċjali, filwaqt li jiżguraw rappurtar trasparenti dwar l-indikaturi tal-kwalità u tas-sikurezza;

jimplimentaw u jirrieżaminaw regolarment ***il-leġiżlazzjonijiet*** nazzjonali ***dwar il-livelli*** ta' persunal ***sikuri*** abbażi tal-evidenza, il-kuntest kliniku***, id-djalogu*** soċjali ***u l-ftehimiet kollettivi***, filwaqt li jiżguraw rappurtar trasparenti dwar l-indikaturi tal-kwalità u tas-sikurezza;

Or. en

Emenda 279
Stine Bosse, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Billy Kelleher

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
2. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi ***rakkomandazzjoni tal-Kunsill li tistabbilixxi prinċipji komuni għal oqfsa*** ta' persunal sikuri ***u ta' kwalità għolja***, ankrati fir-riżultati fir-rigward tas-sikurezza tal-pazjenti u fil-valutazzjoni bbażata fuq ir-riskju, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ il-kompetenzi nazzjonali u d-diversità tal-mudelli tas-sistemi tas-saħħa; jistieden lill-Istati Membri jadottaw ***oqfsa*** nazzjonali ***sussegwentement, inklużi limiti minimi*** ta' persunal ***u ħinijiet minimi ta' konsultazzjoni***; jirrikonoxxi, fl-istess ħin, li l-Istati Membri jżommu l-flessibbiltà li jiddefinixxu, jimplimentaw u jirrieżaminaw regolarment ***l-approċċi*** nazzjonali ***tal-persunal*** abbażi tal-evidenza, il-kuntest kliniku u d-djalogu soċjali, filwaqt li jiżguraw rappurtar trasparenti dwar l-indikaturi tal-kwalità u tas-sikurezza;	2. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi ***leġiżlazzjoni qafas tal-UE dwar il-Livelli*** ta' Persunal Sikuri ***għall-ħaddiema u l-professjonisti fil-kura tas-saħħa kollha bi proporzjonijiet ta' infermiera għal pazjenti minimi stipulati, li tiddefinixxi u tirrikonoxxi livelli ta' persunal mhux sikuri bħala periklu okkupazzjonali għall-ħaddiema u l-professjonisti fil-kura tas-saħħa kif ukoll għall-pazjenti***, ankrati fir-riżultati fir-rigward tas-sikurezza tal-pazjenti u fil-valutazzjoni bbażata fuq ir-riskju, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ il-kompetenzi nazzjonali***, l-awtonomija tas-sħab soċjali*** u d-diversità tal-mudelli tas-sistemi tas-saħħa ***fl-Unjoni kollha***; jistieden lill-Istati Membri jadottaw ***u jimplimentaw leġiżlazzjoni*** nazzjonali ***tal-Livelli*** ta' Persunal ***Sikuri għall-ħaddiema u l-professjonisti fil-kura tas-saħħa bħala l-pass li jmiss***; jirrikonoxxi, fl-istess ħin, li l-Istati Membri jżommu l-flessibbiltà li jiddefinixxu, jimplimentaw u jirrieżaminaw regolarment ***il-leġiżlazzjoni*** nazzjonali ***dwar il-livelli ta' persunal sikuri*** abbażi tal-evidenza, il-kuntest kliniku u d-djalogu soċjali, filwaqt li jiżguraw rappurtar trasparenti dwar l-

indikaturi tal-kwalità u tas-sikurezza;

Or. en

Emenda 280
Viktória Ferenc, Marie-Luce Brasier-Clain, Pál Szekeres, Ondřej Knotek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw l-iskarsezzi tal-forza tax-xogħol billi (i) jippromwovu l-perkorsi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja, (ii) itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-paga, il-progressjoni u ż-żamma tal-karriera, jiżguraw is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali inkluża s-saħħa mentali, u l-protezzjoni mill-vjolenza u l-fastidju, (iii) jappoġġjaw arranġamenti tax-xogħol flessibbli u favur il-familja, (iv) jindirizzaw l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u jiżguraw paga ugwali għal xogħol ugwali, u (v) jinvestu fit-titjib tal-ħiliet biex jintegraw b'mod sikur it-teknoloġiji l-ġodda u l-kondiviżjoni tal-kompiti meta klinikament xieraq; jistenna bil-ħerqa, f'dan ir-rigward, il-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni għal Impjiegi ta' Kwalità li jmiss;	3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw l-iskarsezzi tal-forza tax-xogħol billi (i) jippromwovu l-perkorsi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja, (ii) itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-paga, ***is-sigurtà tal-impjieg,*** il-progressjoni u ż-żamma tal-karriera, jiżguraw is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali inkluża s-saħħa mentali, u l-protezzjoni mill-vjolenza u l-fastidju, ***kif ukoll il-protezzjoni mill-esponiment għal sustanzi u ambjenti perikolużi, u għal dak il-għan jistieden lill-Kummissjoni tipproponi direttiva ddedikata dwar il-Fatturi tar-Riskji Psikosoċjali u direttiva individwali dwar Disturbi Muskoloskeletali*** (iii) jappoġġjaw arranġamenti tax-xogħol flessibbli u favur il-familja ***billi jinforzawid-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol u l-politiki dwar il-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata biex jiġu eliminati ksur u eċċezzjonijiet ta' rutina***, (iv) jindirizzaw l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u jiżguraw paga ugwali għal xogħol ugwali, u (v) jinvestu fit-titjib tal-ħiliet biex jintegraw b'mod sikur it-teknoloġiji l-ġodda u l-kondiviżjoni tal-kompiti meta klinikament xieraq; jistenna bil-ħerqa, f'dan ir-rigward, il-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni għal Impjiegi ta' Kwalità li jmiss;

Or. en

Emenda 306
Viktória Ferenc, Pál Szekeres, Marie-Luce Brasier-Clain

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jistieden ***lill-Kummissjoni u*** lill-Istati Membri jindirizzaw ***l-iskarsezzi tal-forza tax-xogħol billi (i) jippromwovu l-perkorsi ta' edukazzjoni u taħriġ*** ta' kwalità għolja***, (***ii) itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u ***l-paga***, ***il-progressjoni u ż-żamma*** tal-karriera, jiżguraw is-saħħa u s-sikurezza ***okkupazzjonali*** inkluża s-saħħa mentali, ***u l-protezzjoni mill-vjolenza*** u l-fastidju***, (iii) jappoġġjaw*** arranġamenti ***tax-xogħol flessibbli*** u favur il-familja, ***(iv)*** jindirizzawl-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u jiżguraw paga ugwali għal xogħol ugwali, ***u (v)*** jinvestu ***fit-titjib*** tal-ħiliet ***biex*** jintegraw b'mod sikur it-teknoloġiji l-ġodda u l-kondiviżjoni tal-kompiti meta klinikament xieraq***; jistenna bil-ħerqa,*** f'dan ir-rigward***, il-Pjan Direzzjonali*** tal-Kummissjoni għal Impjiegi ta' Kwalità ***li jmiss***;	3. Jistieden lill-Istati Membri jindirizzaw ***l-iskarsezzi ta' ħaddiema permezz tal-azzjonijiet li ġejjin, kif xieraq għaċ-ċirkostanzi nazzjonali tagħhom: i) isaħħu l-perkorsi tal-edukazzjoni, l-aċċessibbiltà tagħhom u t-taħriġ*** ta' kwalità għolja***;*** ii) itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u ***l-pagi***, ***il-prospetti*** tal-karriera ***u l-istabbiltà tal-impjiegi***, jiżguraw is-saħħa u s-sikurezza ***fuq il-post tax-xogħol,*** inkluża s-saħħa mentali, ***il-protezzjoni mill-vjolenza*** u l-fastidju***; iii) jippromwovu*** arranġamenti ***tax-xogħol flessibbli*** u favur il-familja, ***kif ukoll il-provvista ta' faċilitajiet tal-indukrar tat-tfal u servizzi oħra ta' appoġġ għall-familji, iv)*** jindirizzaw l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u jiżguraw paga ugwali għal xogħol ugwali, ***v)***jinvestu ***fl-iżvilupp*** tal-ħiliet ***sabiex*** jintegraw b'mod sikur it-teknoloġiji l-ġodda u l-kondiviżjoni tal-kompiti meta klinikament xieraq***, (vi) jiżguraw is-sikurezza tal-prattikanti, kemm jekk jaħdmu fl-isptarijiet kif ukoll jekk jipprattika fil-privat jew jagħmlu żjarat fid-djar; u (vii) jappoġġjaw innovazzjonijiet u privattivi Ewropej ta' suċċess*** f'dan ir-rigward***; jistenna bil-ħerqa l-pjan direzzjonali li jmiss*** tal-Kummissjoni għal Impjiegi ta' Kwalità;

Or. en

Emenda 307
Marta Temido, Romana Jerković, Victor Negrescu, Vytenis Povilas Andriukaitis, Pierre Jouvet, Nikos Papandreou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw l-iskarsezzi tal-forza tax-xogħol billi (i) jippromwovu l-perkorsi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja, (***ii***) itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-paga, il-progressjoni u ż-żamma tal-karriera, jiżguraw is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali ***inkluża*** s-saħħa mentali***, u*** l-protezzjoni mill-vjolenza u l-fastidju, (***iii***) jappoġġjaw arranġamenti tax-xogħol flessibbli ***u favur il-familja***, ***(iv)*** jindirizzawl-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u jiżguraw paga ugwali għal xogħol ugwali, u (v) jinvestu fit-titjib tal-ħiliet biex jintegraw b'mod sikur it-teknoloġiji l-ġodda u ***l-kondiviżjoni tal-kompiti*** meta klinikament xieraq***; jistenna bil-ħerqa, f'dan ir-rigward, il-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni għal Impjiegi ta' Kwalità li jmiss***;	3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw l-iskarsezzi tal-forza tax-xogħol billi (i) ***jiżviluppaw bis-shih politiki għall-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard, kif ukoll il-litteriżmu fis-saħħa u l-awtokura, (ii)*** jippromwovu l-perkorsi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja, (***iii***) itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-paga, il-progressjoni u ż-żamma tal-karriera, jiżguraw is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali***, inkluži d-disturbi muskoloskeletali, ir-riskji psikosoċjali, il-burnout u*** s-saħħa mentali ***bħala oqsma ta' prijorità, u anke*** l-protezzjoni mill-vjolenza u l-fastidju, (***iv***) jappoġġjaw ***politiki ta' bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata u*** arranġamenti tax-xogħol flessibbli, jindirizzaw l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u jiżguraw paga ugwali għal xogħol ugwali, u (v) jinvestu fit-titjib tal-ħiliet biex jintegraw b'mod sikur it-teknoloġiji l-ġodda u ***fir-rieżami tat-taħlita ta' ħiliet*** meta klinikament xieraq ***u jiżguraw iċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid, (vi) isaħħu l-qafas regolatorju kif ukoll il-ftehimiet ta' rikonoxximent reċiproku, (vii) jippromwovu rikonoxximent akbar tar-rwol tal-persuni li jindukraw b'mod informali, b'mod partikolari f'kura integrata***;
	Or. en

Emenda 308
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw l-iskarsezzi tal-forza tax-xogħol billi (i) jippromwovu l-perkorsi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja, (ii) itejbu l-kundizzjonijiet	3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw l-iskarsezzi tal-forza tax-xogħol billi (i) jippromwovu l-perkorsi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja, (ii) itejbu l-kundizzjonijiet

tax-xogħol ***u l-paga***, il-progressjoni u ż-żamma tal-karriera, jiżguraw is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali inkluża s-saħħa mentali, u l-protezzjoni mill-vjolenza u l-fastidju, (iii) jappoġġjaw arranġamenti tax-xogħol flessibbli u favur il-familja**,** (iv) jindirizzaw l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u jiżguraw paga ugwali għal xogħol ugwali, u (v) jinvestu fit-titjib tal-ħiliet biex jintegraw b'mod sikur it-teknoloġiji l-ġodda u l-kondiviżjoni tal-kompiti meta klinikament xieraq; jistenna bil-ħerqa, f'dan ir-rigward, il-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni għal Impjiegi ta' Kwalità li jmiss;

tax-xogħol***, jiżguraw pagi ġusti proporzjonati mar-responsabbiltajiet, is-sigurtà tal-impjiegi***, il-progressjoni u ż-żamma tal-karriera, jiżguraw is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali inkluża s-saħħa mentali, u l-protezzjoni mill-vjolenza u l-fastidju, (iii) jappoġġjaw arranġamenti tax-xogħol flessibbli u favur il-familja ***u l-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata*** (iv) jindirizzaw l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u jiżguraw paga ugwali għal xogħol ugwali, u (v) jinvestu fit-titjib tal-ħiliet biex jintegraw b'mod sikur it-teknoloġiji l-ġodda u l-kondiviżjoni tal-kompiti meta klinikament xieraq ***u*** (***vi) jissalvagwardjaw id-drittijiet fundamentali tal-ħaddiema tal-kura tas-saħħa — inklużi mistrieħ u rkupru adegwati, liv annwali statutorju, aċċess għal servizzi ta' saħħa u benesseri okkupazzjonali, u miżuri effettivi għar-rikonċiljazzjoni bejn ix-xogħol u l-ħajja privata***; jistenna bil-ħerqa, f'dan ir-rigward, il-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni għal Impjiegi ta' Kwalità li jmiss;

Or. en

Emenda 309
Marie-Luce Brasier-Clain, Aleksandar Nikolic, Nikola Bartůšek, Ondřej Knotek, Valérie Deloge, Viktória Ferenc, Pál Szekeres

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jistieden ***lill-Kummissjoni*** u lill-Istati Membri jindirizzaw l-iskarsezzi tal-forza tax-xogħol billi: i) jippromwovu l-perkorsi ta' edukazzjoni u ***taħriġ*** ta' kwalità għolja, ii) itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-paga, il-progressjoni u ż-żamma tal-karriera, jiżguraw is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali inkluża s-saħħa mentali, ***u*** l-protezzjoni mill-vjolenza u l-fastidju, (iii) jappoġġjaw arranġamenti tax-	3. Jistieden lill-Istati Membri jindirizzaw l-iskarsezzi tal-forza tax-xogħol billi***, skont jekk jadattawx għas-sitwazzjonijiet nazzjonali tagħhom jew le***: i) jippromwovu l-perkorsi ta' edukazzjoni***, l-aċċessibbiltà tagħhom*** u ***t-taħriġ tagħhom*** ta' kwalità għolja, ii) itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-paga, il-progressjoni u ż-żamma tal-karriera, jiżguraw is-saħħa u s-sikurezza

xogħol flessibbli u favur il-familja, (iv) jindirizzaw l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u jiżguraw paga ugwali għal xogħol ugwali, ***u*** (v) jinvestu fit-titjib tal-ħiliet biex jintegraw b'mod sikur it-teknoloġiji l-ġodda u l-kondiviżjoni tal-kompiti meta klinikament xieraq; jistenna bil-ħerqa, f'dan ir-rigward, il-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni għal Impjiegi ta' Kwalità li jmiss;	okkupazzjonali inkluża s-saħħa mentali, u l-protezzjoni mill-vjolenza u l-fastidju, (iii) jappoġġjaw arranġamenti tax-xogħol flessibbli u favur il-familja, ***kif ukoll l-istabbiliment ta'strutturi ta' akkoljenza għat-tfal tagħhom u servizzi oħra ta' għajnuna għall-familji,*** (iv) jindirizzaw l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u jiżguraw paga ugwali għal xogħol ugwali, u (v) jinvestu fit-titjib tal-ħiliet biex jintegraw b'mod sikur it-teknoloġiji l-ġodda u l-kondiviżjoni tal-kompiti meta klinikament xieraq ***u (vi) jiggarantixxu s-sigurtà ta' dawl li jaħdmu fil-qasam, li xogħolhom jitwettaq fl-isptarijiet, fil-kliniċi privati jew fiż-żjarat fid-djar***; jistenna bil-ħerqa, f'dan ir-rigward, il-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni għal Impjiegi ta' Kwalità li jmiss;
	Or. fr

Emenda 310
Victor Negrescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw l-iskarsezzi tal-forza tax-xogħol billi (i) jippromwovu l-perkorsi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja, (ii) itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-paga, il-progressjoni u ż-żamma tal-karriera, jiżguraw is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali inkluża s-saħħa mentali, u l-protezzjoni mill-vjolenza u l-fastidju, (iii) jappoġġjaw arranġamenti tax-xogħol flessibbli u favur il-familja, (iv) jindirizzaw l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u jiżguraw paga ugwali għal xogħol ugwali, u (v) jinvestu fit-titjib tal-ħiliet biex jintegraw b'mod sikur it-teknoloġiji l-ġodda u l-kondiviżjoni tal-kompiti meta klinikament xieraq; jistenna bil-ħerqa,	3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw l-iskarsezzi tal-forza tax-xogħol billi (i) jippromwovu l-perkorsi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja***, filwaqt li jsaħħu l-programmi Ewropej ta' kooperazzjoni u mobbiltà għall-edukazzjoni tal-kura tas-saħħa, bħall-Erasmus+, EU4Health u sħubijiet transfruntiera oħra, biex jiġi żgurat aċċess ekwu għal skambji ta' tagħlim u professjonali fl-Unjoni kollha***, (ii) itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-paga, il-progressjoni u ż-żamma tal-karriera, jiżguraw is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali inkluża s-saħħa mentali, u l-protezzjoni mill-vjolenza u l-fastidju, (iii) jappoġġjaw arranġamenti tax-xogħol

f'dan ir-rigward, il-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni għal Impjiegi ta' Kwalità li jmiss;

flessibbli u favur il-familja, (iv) jindirizzaw l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u jiżguraw paga ugwali għal xogħol ugwali, u (v) jinvestu fit-titjib tal-ħiliet biex jintegraw b'mod sikur it-teknoloġiji l-ġodda u l-kondiviżjoni tal-kompiti meta klinikament xieraq; jistenna bil-ħerqa, f'dan ir-rigward, il-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni għal Impjiegi ta' Kwalità li jmiss;

Or. en

Emenda 311
Miriam Lexmann, David Casa

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw l-iskarsezzi tal-forza tax-xogħol billi (i) jippromwovu l-perkorsi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja, (ii) itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-paga, il-progressjoni u ż-żamma tal-karriera, jiżguraw is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali inkluża s-saħħa mentali, u l-protezzjoni mill-vjolenza u l-fastidju, (iii) jappoġġjaw arranġamenti tax-xogħol flessibbli u favur il-familja, (iv) jindirizzaw l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u jiżguraw paga ugwali għal xogħol ugwali, u (v) jinvestu fit-titjib tal-ħiliet biex jintegraw b'mod sikur it-teknoloġiji l-ġodda u l-kondiviżjoni tal-kompiti meta klinikament xieraq; jistenna bil-ħerqa, f'dan ir-rigward, il-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni għal Impjiegi ta' Kwalità li jmiss;	3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw l-iskarsezzi tal-forza tax-xogħol billi (i) jippromwovu l-perkorsi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja ***b'attenzjoni speċjali għall-ispeċjalizzazzjonijiet bl-akbar skarsezzi, pereżempju l-psikjatri jew ir-rewmatoloġisti***, (ii) itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-paga, il-progressjoni u ż-żamma tal-karriera, jiżguraw is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali inkluża s-saħħa mentali, u l-protezzjoni mill-vjolenza u l-fastidju, (iii) jappoġġjaw arranġamenti tax-xogħol flessibbli u favur il-familja, (iv) jindirizzaw l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u jiżguraw paga ugwali għal xogħol ugwali, u (v) jinvestu ***fit-tkomplija tal-edukazzjoni professjonali u*** fit-titjib tal-ħiliet biex jintegraw b'mod sikur it-teknoloġiji l-ġodda u l-kondiviżjoni tal-kompiti meta klinikament xieraq; jistenna bil-ħerqa, f'dan ir-rigward, il-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni għal Impjiegi ta' Kwalità li jmiss;

Or. en

Emenda 312
Maria Ohisalo, Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw l-iskarsezzi tal-forza tax-xogħol billi ***(i) jippromwovu l-perkorsi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja, (ii)*** itejbul-kundizzjonijiet tax-xogħol ***u l-paga***, il-progressjoni u ż-żamma tal-karriera, jiżguraw is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali inkluża s-saħħa mentali, u l-protezzjoni mill-vjolenza u l-fastidju, (***iii***) ***jappoġġjaw arranġamenti tax-xogħol flessibbli u favur il-familja,*** (***iv***) jindirizzaw l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u jiżguraw paga ugwali għal xogħol ugwali, ***u*** (v) jinvestu fit-titjib tal-ħiliet biex jintegraw b'mod sikur ***it-teknoloġiji l-ġodda*** u l-kondiviżjoni tal-kompiti meta klinikament xieraq; ***jistenna bil-ħerqa, f'dan ir-rigward, il-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni għal Impjiegi ta' Kwalità li jmiss;***	3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw l-iskarsezzi tal-forza tax-xogħol billi ***(i)*** itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol***, jiżguraw pagi ġusti proporzjonati mar-responsabbiltajiet, is-sigurtà tal-impjieg***, il-progressjoni u ż-żamma tal-karriera, jiżguraw is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali inkluża s-saħħa mentali ***u fiżika***, u l-protezzjoni mill-vjolenza u l-fastidju, (***ii***) ***jirrikonoxxu l-importanza tal-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata għall-impjegati kollha,*** (***iii***) jindirizzaw l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u jiżguraw paga ugwali għal xogħol ugwali, ***(iv) jagħtu spinta lill-perkors tal-edukazzjoni u t-taħriġ ta' kwalità għolja***

lill-persunal kollu involut fil-provvista tal-kura tas-saħħa, flimkien ma' mentoraġġi ta' kwalità għolja biex tiġi appoġġjata t-tranżizzjoni għall-ħajja tax-xogħol

(v) jinvestu fit-titjib tal-ħiliet biex jintegraw b'mod sikur ***riċerka,*** teknoloġiji u l-kondiviżjoni tal-kompiti ***ġodda*** meta klinikament xieraq;

Or. en

Emenda 313
Liesbet Sommen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw l-iskarsezzi tal-forza tax-xogħol billi (i) jippromwovu l-perkorsi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja, (ii) itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-paga, il-progressjoni u ż-żamma tal-karriera, jiżguraw is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali inkluża s-saħħa mentali, u l-protezzjoni mill-vjolenza u l-fastidju, (iii) jappoġġjaw arranġamenti tax-xogħol flessibbli u favur il-familja, (iv) jindirizzaw l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u jiżguraw paga ugwali għal xogħol ugwali, u (v) jinvestu fit-titjib tal-ħiliet biex jintegraw b'mod sikur it-teknoloġiji l-ġodda u l-kondiviżjoni tal-kompiti meta klinikament xieraq; jistenna bil-ħerqa, f'dan ir-rigward, il-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni għal Impjiegi ta' Kwalità li jmiss;	3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw l-iskarsezzi tal-forza tax-xogħol billi (i) jippromwovu l-perkorsi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja, (ii) itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-paga ***permezz tad-djalogu soċjali skont prattiki nazzjonali***, il-progressjoni u ż-żamma tal-karriera, jiżguraw is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali inkluża s-saħħa mentali, u l-protezzjoni mill-vjolenza u l-fastidju ***u l-preparatezza għalihom, inkluż taħriġ fil-prevenzjoni, fid-dieskalazzjoni u fil-ħiliet ta' kif tkampa***, (iii) jappoġġjaw arranġamenti tax-xogħol flessibbli u favur il-familja ***filwaqt li jissalvagwardjaw il-kontinwità tal-kura u tal-aċċess tal-pazjent***, (iv) jindirizzaw l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u jiżguraw paga ugwali għal xogħol ugwali, u (v) jinvestu fit-titjib tal-ħiliet biex jintegraw b'mod sikur it-teknoloġiji l-ġodda u l-kondiviżjoni tal-kompiti meta klinikament xieraq; jistenna bil-ħerqa, f'dan ir-rigward, il-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni għal Impjiegi ta' Kwalità li jmiss;

Or. en

Emenda 314
Vytenis Povilas Andriukaitis, Marta Temido, Nikos Papandreou, Pierre Jouvet, Klára Dobrev

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw l-iskarsezzi tal-forza tax-xogħol billi (i) ***jippromwovu l-perkorsi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja, (ii)*** itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-paga, il-progressjoni ***u ż-żamma*** tal-karriera, jiżguraw is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali inkluża s-saħħa mentali, u l-protezzjoni mill-vjolenza u l-fastidju, (***iii***) ***jappoġġjaw arranġamenti tax-xogħol flessibbli u favur il-familja, (iv***) jindirizzaw l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u jiżguraw paga ugwali għal xogħol ugwali, u ***(v)*** jinvestu fit-titjib tal-ħiliet biex jintegraw b'mod sikur it-teknoloġiji l-ġodda u l-kondiviżjoni tal-kompiti meta klinikament xieraq; jistenna bil-ħerqa, f'dan ir-rigward, il-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni għal Impjiegi ta' Kwalità li jmiss;	3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw l-iskarsezzi tal-forza tax-xogħol billi (i) itejbu ***ż-żamma u l-attraenza billi jtejbu*** l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-paga, il-progressjoni tal-karriera***, jappoġġjaw arranġamenti tax-xogħol favur il-familja u flessibbli***, jiżguraw is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali inkluża s-saħħa mentali, u l-protezzjoni mill-vjolenza u l-fastidju, (***ii***) ***jippromwovu l-edukazzjoni ta' kwalità għolja, (iii***) jindirizzaw l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u jiżguraw paga ugwali għal xogħol ugwali, u ***(iv)*** jinvestufit-titjib tal-ħiliet biex jintegraw b'mod sikur it-teknoloġiji l-ġodda u l-kondiviżjoni tal-kompiti meta klinikament xieraq; ***jindirizzaw id-distribuzzjoni mhux ugwali tal-kapaċitajiet tal-forza tax-xogħol tas-saħħa fl-Ewropa, jipprovdu appoġġ lir-reġjuni li għandhom diffikultajiet biex jattiraw ħaddiema tas-saħħa;*** jistenna bil-ħerqa, f'dan ir-rigward, il-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni għal Impjiegi ta' Kwalità li jmiss;

Or. en

Emenda 315
Pascal Arimont

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw l-iskarsezzi tal-forza tax-xogħol billi (i) jippromwovu l-perkorsi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja, (ii) itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-paga, il-progressjoni u ż-żamma tal-karriera, jiżguraw is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali inkluża s-saħħa mentali, u l-protezzjoni mill-vjolenza u l-fastidju, (iii) jappoġġjaw arranġamenti tax-xogħol flessibbli u favur il-familja, (iv) jindirizzaw l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u jiżguraw paga ugwali għal xogħol ugwali, u (v) jinvestu fit-titjib tal-ħiliet biex jintegraw b'mod sikur it-teknoloġiji l-ġodda u l-kondiviżjoni tal-kompiti meta klinikament xieraq; jistenna bil-ħerqa, f'dan ir-rigward, il-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni għal Impjiegi ta' Kwalità li jmiss;	3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw l-iskarsezzi tal-forza tax-xogħol billi (i) jippromwovu l-perkorsi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja, (ii) itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-paga, il-progressjoni u ż-żamma tal-karriera, jiżguraw is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali inkluża s-saħħa mentali***, jenfasizzaw li r-rati ta' burnout fost il-professjonisti kardjovaskulari huma partikolarment għoljin, u jolqtu lil 79 % tal-infermiera u 65 % tat-tobba[3a]***, u l-protezzjoni mill-vjolenza u l-fastidju, (iii) jappoġġjaw arranġamenti tax-xogħol flessibbli u favur il-familja, (iv) jindirizzaw l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u jiżguraw paga ugwali għal xogħol ugwali, u (v) jinvestu fit-titjib tal-ħiliet biex jintegraw b'mod sikur it-teknoloġiji l-ġodda u l-kondiviżjoni tal-kompiti meta klinikament xieraq; jistenna bil-ħerqa, f'dan ir-rigward, il-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni għal Impjiegi ta' Kwalità li jmiss;
	[3a] Jelen, A., Goldfarb, R., Rosart, J. et al. A qualitative co-design-based approach to identify sources of workplace-related distress and develop well-being strategies for cardiovascular nurses, allied health professionals, and physicians. (Approċċ kwalitattiv ibbażat fuq il-kodisinn biex jiġu identifikati s-sorsi ta' tbatija relatata mal-post tax-xogħol u jiġu żviluppati strateġiji ta' benesseri għall-infermiera kardjovaskulari, il-professjonisti tas-saħħa relatati u t-tobba.) BMC Health Serv Res 24, 246 (2024). https://doi.org/10.1186/s12913-024-10669-x

Or. en

Emenda 316
Stine Bosse, Veronika Cifrová Ostrihoňová, Billy Kelleher

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw l-iskarsezzi tal-forza tax-xogħol billi (i) jippromwovu l-perkorsi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja, (ii) itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-paga, il-progressjoni u ż-żamma tal-karriera, jiżguraw is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali inkluża s-saħħa mentali, u l-protezzjoni mill-vjolenza u l-fastidju, (iii) jappoġġjaw arranġamenti tax-xogħol flessibbli u favur il-familja**,** (iv) jindirizzaw l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u jiżguraw paga ugwali għal xogħol ugwali, u (v) jinvestu fit-titjib tal-ħiliet biex jintegraw b'mod sikur it-teknoloġiji l-ġodda u l-kondiviżjoni tal-kompiti meta klinikament xieraq; jistenna bil-ħerqa, f'dan ir-rigward, il-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni għal Impjiegi ta' Kwalità li jmiss;	3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw l-iskarsezzi tal-forza tax-xogħol billi (i) jippromwovu l-perkorsi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja, (ii) itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-paga, il-progressjoni u ż-żamma tal-karriera, jiżguraw is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali inkluża s-saħħa mentali, u l-protezzjoni mill-vjolenza u l-fastidju, ***u għal dak il-għan jistieden lill-Kummissjoni tipproponi direttiva ddedikata dwar il-Fatturi ta' Riskju Psikosoċjali*** (iii) jappoġġjaw arranġamenti tax-xogħol flessibbli u favur il-familja**,** (iv) jindirizzaw l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u jiżguraw paga ugwali għal xogħol ugwali, u (v) jinvestu fit-titjib tal-ħiliet biex jintegraw b'mod sikur it-teknoloġiji l-ġodda u l-kondiviżjoni tal-kompiti meta klinikament xieraq; jistenna bil-ħerqa, f'dan ir-rigward, il-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni għal Impjiegi ta' Kwalità li jmiss;

Or. en

Emenda 317
Francesco Torselli, Chiara Gemma, Georgiana Teodorescu, Mariateresa Vivaldini, Lara Magoni

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw l-iskarsezzi tal-forza tax-xogħol billi (i) jippromwovu l-perkorsi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja, (ii) itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-paga, il-progressjoni u ż-	3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw l-iskarsezzi tal-forza tax-xogħol billi (i) jippromwovu l-perkorsi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja, (ii) itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-paga, il-progressjoni u ż-

żamma tal-karriera, jiżguraw is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali inkluża s-saħħa mentali, u l-protezzjoni mill-vjolenza u l-fastidju, (iii) jappoġġjaw arranġamenti tax-xogħol flessibbli u favur il-familja, (iv) jindirizzaw l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u jiżguraw paga ugwali għal xogħol ugwali, u (v) jinvestu fit-titjib tal-ħiliet biex jintegraw b'mod sikur it-teknoloġiji l-ġodda u l-kondiviżjoni tal-kompiti meta klinikament xieraq; jistenna bil-ħerqa, f'dan ir-rigward, il-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni għal Impjiegi ta' Kwalità li jmiss;

żamma tal-karriera, jiżguraw is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali inkluża s-saħħa mentali, ***jenfasizzaw li r-rati ta' burnout fost il-professjonisti kardjovaskulari huma partikolarment għoljin, u jolqtu lil 79 % tal-infermiera u 65 % tat-tobba*** u l-protezzjoni mill-vjolenza u l-fastidju, (iii) jappoġġjaw arranġamenti tax-xogħol flessibbli u favur il-familja, (iv) jindirizzaw l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u jiżguraw paga ugwali għal xogħol ugwali, u (v) jinvestu fit-titjib tal-ħiliet biex jintegraw b'mod sikur it-teknoloġiji l-ġodda u l-kondiviżjoni tal-kompiti meta klinikament xieraq; jistenna bil-ħerqa, f'dan ir-rigward, il-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni għal Impjiegi ta' Kwalità li jmiss;

Or. en

Emenda 318
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw l-iskarsezzi tal-forza tax-xogħol billi (i) jippromwovu l-perkorsi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja, (ii) itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol ***u*** l-paga, il-progressjoni u ż-żamma tal-karriera, jiżguraw is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali inkluża s-saħħa mentali, u l-protezzjoni mill-vjolenza u l-fastidju, (iii) jappoġġjaw arranġamenti tax-xogħol ***flessibbli u*** favur il-familja, (iv) jindirizzaw l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u jiżguraw paga ugwali għal xogħol ugwali, u (v) jinvestu fit-titjib tal-ħiliet biex jintegraw b'mod sikur it-teknoloġiji l-ġodda u l-kondiviżjoni tal-kompiti meta klinikament xieraq; jistenna bil-ħerqa, f'dan ir-rigward, il-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni għal Impjiegi ta' Kwalità li	3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw l-iskarsezzi tal-forza tax-xogħol billi (i) jippromwovu l-perkorsi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja, (ii) itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol***, iżidu l-pagi, filwaqt li jiġu rispettati l-ftehimiet kollettivi, jirrikonoxxu bis-sħiħ il-kwalifiki professjonali, u jtejbu*** l-paga, il-progressjoni u ż-żamma tal-karriera, jiżguraw is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali inkluża s-saħħa mentali, u l-protezzjoni mill-vjolenza u l-fastidju, (iii) jappoġġjaw arranġamenti tax-xogħol favur il-familja, (iv) jindirizzaw l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u jiżguraw paga ugwali għal xogħol ugwali, u (v) jinvestu fit-titjib tal-ħiliet biex jintegraw b'mod sikur it-teknoloġiji l-ġodda u l-kondiviżjoni tal-

jmiss;	kompiti meta klinikament xieraq; jistenna bil-ħerqa, f'dan ir-rigward, il-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni għal Impjiegi ta' Kwalità li jmiss;

Or. el

Emenda 319
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Irena Joveva, Vlad Vasile-Voiculescu, Jana Toom, Stine Bosse, Hristo Petrov, Olivier Chastel, Grégory Allione

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw l-iskarsezzi tal-forza tax-xogħol billi (i) jippromwovu l-perkorsi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja, (ii) itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-paga, il-progressjoni u ż-żamma tal-karriera, jiżguraw is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali inkluża s-saħħa mentali, u l-protezzjoni mill-vjolenza u l-fastidju, (iii) jappoġġjaw arranġamenti tax-xogħol flessibbli u favur il-familja, (iv) jindirizzaw l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u jiżguraw paga ugwali għal xogħol ugwali, u (v) jinvestu fit-titjib tal-ħiliet biex jintegraw b'mod sikur it-teknoloġiji l-ġodda u l-kondiviżjoni tal-kompiti meta klinikament xieraq***;*** jistenna bil-ħerqa, f'dan ir-rigward, il-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni għal Impjiegi ta' Kwalità li jmiss;	3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw l-iskarsezzi tal-forza tax-xogħol billi (i) jippromwovu l-perkorsi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja, (ii) itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-paga, il-progressjoni u ż-żamma tal-karriera, jiżguraw is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali inkluża s-saħħa mentali, u l-protezzjoni mill-vjolenza u l-fastidju, (iii) jappoġġjaw arranġamenti tax-xogħol flessibbli u favur il-familja, (iv) jindirizzaw l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u jiżguraw paga ugwali għal xogħol ugwali, u (v) jinvestu fit-titjib tal-ħiliet biex jintegraw b'mod sikur it-teknoloġiji l-ġodda u l-kondiviżjoni tal-kompiti meta klinikament xieraq ***permezz ta' varar akbar ta' mikrokredenzjali (vi) jiffaċilitaw ir-rikonoxximent tal-ħiliet informali,*** jistenna bil-ħerqa, f'dan ir-rigward, il-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni għal Impjiegi ta' Kwalità li jmiss ***u l-Patt dwar il-Kura Ewropew***;

Or. en

Emenda 320
Nikos Papandreou, Romana Jerković, Christophe Clergeau, Vytenis Povilas Andriukaitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw l-iskarsezzi tal-forza tax-xogħol billi (i) jippromwovu l-perkorsi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja, (ii) itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-paga, il-progressjoni u ż-żamma tal-karriera, jiżguraw is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali inkluża s-saħħa mentali, u l-protezzjoni mill-vjolenza u l-fastidju, (iii) jappoġġjaw arranġamenti tax-xogħol flessibbli u favur il-familja, (iv) jindirizzaw l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u jiżguraw paga ugwali għal xogħol ugwali, u (v) jinvestu fit-titjib tal-ħiliet biex jintegraw b'mod sikur it-teknoloġiji l-ġodda u l-kondiviżjoni tal-kompiti meta klinikament xieraq; jistenna bil-ħerqa, f'dan ir-rigward, il-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni għal Impjiegi ta' Kwalità li jmiss;	3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw l-iskarsezzi tal-forza tax-xogħol billi (i) jippromwovu l-perkorsi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja, (ii) itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-paga, il-progressjoni u ż-żamma tal-karriera, jiżguraw is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali inkluża s-saħħa mentali, u l-protezzjoni mill-vjolenza u l-fastidju, (iii) jappoġġjaw arranġamenti tax-xogħol flessibbli u favur il-familja, (iv) jindirizzaw l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u jiżguraw paga ugwali għal xogħol ugwali, u (v) jinvestu fit-titjib tal-ħiliet biex jintegraw b'mod sikur it-teknoloġiji l-ġodda u l-kondiviżjoni tal-kompiti meta klinikament xieraq; ***(vi) iwettqu studju ddedikat dwar il-livelli ta' sahra kkumpensata u mhux ikkumpensata fis-settur tal-kura tas-saħħa;*** jistenna bil-ħerqa, f'dan ir-rigward, il-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni għal Impjiegi ta' Kwalità li jmiss;

Or. en

Emenda 321
Petar Volgin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw l-iskarsezzi tal-forza tax-xogħol billi (i) jippromwovu l-perkorsi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja, (ii) itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-paga, il-progressjoni u ż-żamma tal-karriera, jiżguraw is-saħħa u s-	3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw l-iskarsezzi tal-forza tax-xogħol billi (i) jippromwovu l-perkorsi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja, (ii) ***jiżguraw aċċess għall-impjiegi u t-traineeships fis-settur tal-kura tas-saħħa għal professjonisti fil-kura***

sikurezza okkupazzjonali inkluża s-saħħa mentali, u l-protezzjoni mill-vjolenza u l-fastidju, (***iii***) jappoġġjaw arranġamenti tax-xogħol flessibbli u favur il-familja, ***(iv)*** jindirizzawl-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u jiżguraw paga ugwali għal xogħol ugwali, u ***(v)*** jinvestu fit-titjib tal-ħiliet biex jintegraw b'mod sikur it-teknoloġiji l-ġodda u l-kondiviżjoni tal-kompiti meta klinikament xieraq; jistenna bil-ħerqa, f'dan ir-rigward, il-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni għal Impjiegi ta' Kwalità li jmiss;	***tas-saħħa kkwalifikati żgħażagħ, (iii)*** itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-paga, il-progressjoni u ż-żamma tal-karriera, jiżguraw is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali inkluża s-saħħa mentali, u l-protezzjoni mill-vjolenza u l-fastidju, (***iv***) jappoġġjaw arranġamenti tax-xogħol flessibbli u favur il-familja, ***(v)*** jindirizzawl-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u jiżguraw paga ugwali għal xogħol ugwali, u ***(vi)*** jinvestu fit-titjib tal-ħiliet biex jintegraw b'mod sikur it-teknoloġiji l-ġodda u l-kondiviżjoni tal-kompiti meta klinikament xieraq; jistenna bil-ħerqa, f'dan ir-rigward, il-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni għal Impjiegi ta' Kwalità li jmiss;

Or. en

Emenda 322
Nikola Bartůšek, Aleksandar Nikolic, Marie-Luce Brasier-Clain, Pál Szekeres, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw l-iskarsezzi tal-forza tax-xogħol billi (i) jippromwovu l-perkorsi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja, (ii) itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-paga, il-progressjoni u ż-żamma tal-karriera, jiżguraw is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali inkluża s-saħħa mentali, ***u l-protezzjoni*** mill-vjolenza u l-fastidju, (iii) jappoġġjaw arranġamenti tax-xogħol flessibbli u favur il-familja, (iv) jindirizzaw l-inugwaljanzi bejn ***il-ġeneri*** u jiżguraw paga ugwali għal xogħol ugwali, u (v) jinvestu fit-titjib tal-ħiliet biex jintegraw b'mod sikur it-teknoloġiji l-ġodda u l-kondiviżjoni tal-kompiti meta klinikament xieraq; jistenna bil-ħerqa, f'dan ir-rigward, il-Pjan Direzzjonali tal-	3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw l-iskarsezzi tal-forza tax-xogħol billi (i) jippromwovu l-perkorsi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja, (ii) itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-paga, il-progressjoni u ż-żamma tal-karriera, jiżguraw is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali inkluża s-saħħa mentali, ***il-protezzjoni*** mill-vjolenza u l-fastidju, ***kif ukoll il-protezzjoni mill-esponiment għal sustanzi u ambjenti perikolużi*** (iii) jappoġġjaw arranġamenti tax-xogħol flessibbli u favur il-familja, (iv) jindirizzaw l-inugwaljanzi bejn***l-irġiel u n-nisa*** u jiżguraw paga ugwali għal xogħol ugwali ***bejn iż-żewġ sessi***, u (v) jinvestu fit-titjib tal-ħiliet biex jintegraw b'mod sikur it-teknoloġiji l-ġodda u l-kondiviżjoni tal-

Kummissjoni għal Impjiegi ta' Kwalità li jmiss;	kompiti meta klinikament xieraq; jistenna bil-ħerqa, f'dan ir-rigward, il-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni għal Impjiegi ta' Kwalità li jmiss;

Or. en

Emenda 323
Elena Nevado del Campo, Dolors Montserrat

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw l-iskarsezzi tal-forza tax-xogħol billi: i) (i) jippromwovu l-perkorsi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja, (ii) itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-paga, il-progressjoni u ż-żamma tal-karriera, jiżguraw is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali inkluża s-saħħa mentali, u l-protezzjoni mill-vjolenza u l-fastidju, (iii) jappoġġjaw arranġamenti tax-xogħol flessibbli u favur il-familja, (iv) jindirizzaw l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u jiżguraw paga ugwali għal xogħol ugwali, u (v) jinvestu fit-titjib tal-ħiliet biex jintegraw b'mod sikur it-teknoloġiji l-ġodda u l-kondiviżjoni tal-kompiti meta klinikament xieraq; jistenna bil-ħerqa, f'dan ir-rigward, il-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni għal Impjiegi ta' Kwalità li jmiss;	3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw l-iskarsezzi tal-forza tax-xogħol billi: i) jippromwovu l-perkorsi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja***, inklużi l-programmi ta' taħriġ adattati għall-kuntest rurali*** (ii) itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-paga, il-progressjoni u ż-żamma tal-karriera, jiżguraw is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali inkluża s-saħħa mentali, u l-protezzjoni mill-vjolenza u l-fastidju, (iii) jappoġġjaw arranġamenti tax-xogħol flessibbli u favur il-familja***, kif ukoll*** lit-tobba żgħażagħ, (iv) jindirizzaw l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u jiżguraw paga ugwali għal xogħol ugwali, u (v) jinvestu fit-titjib tal-ħiliet biex jintegraw b'mod sikur it-teknoloġiji l-ġodda u l-kondiviżjoni tal-kompiti meta klinikament xieraq; jistenna bil-ħerqa, f'dan ir-rigward, il-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni għal Impjiegi ta' Kwalità li jmiss;

Or. es

Emenda 324
Kateřina Konečná

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw l-iskarsezzi tal-forza tax-xogħol billi (i) jippromwovu l-perkorsi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja, (ii) itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-paga, il-progressjoni u ż-żamma tal-karriera, jiżguraw is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali inkluża s-saħħa mentali, u l-protezzjoni mill-vjolenza u l-fastidju, (iii) jappoġġjaw arranġamenti tax-xogħol flessibbli u favur il-familja, (iv) jindirizzaw l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u jiżguraw paga ugwali għal xogħol ugwali, u (v) jinvestu fit-titjib tal-ħiliet biex jintegraw b'mod sikur it-teknoloġiji l-ġodda ***u l-kondiviżjoni tal-kompiti meta klinikament xieraq***; jistenna bil-ħerqa, f'dan ir-rigward, il-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni għal Impjiegi ta' Kwalità li jmiss;	3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw l-iskarsezzi tal-forza tax-xogħol billi (i) jippromwovu l-perkorsi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja, (ii) itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-paga, il-progressjoni u ż-żamma tal-karriera, jiżguraw is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali inkluża s-saħħa mentali, u l-protezzjoni mill-vjolenza u l-fastidju, (iii) jappoġġjaw arranġamenti tax-xogħol flessibbli u favur il-familja, (iv) jindirizzaw l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u jiżguraw paga ugwali għal xogħol ugwali, u (v) jinvestu fit-titjib tal-ħiliet biex jintegraw b'mod sikur it-teknoloġiji l-ġodda; jistenna bil-ħerqa, f'dan ir-rigward, il-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni għal Impjiegi ta' Kwalità li jmiss;

Or. en

Emenda 325
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw l-iskarsezzi tal-forza tax-xogħol billi (i) jippromwovu l-perkorsi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja, (ii) itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-paga, il-progressjoni u ż-żamma tal-karriera, jiżguraw is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali inkluża s-saħħa mentali, u l-protezzjoni mill-vjolenza u l-fastidju, (iii) jappoġġjaw arranġamenti tax-xogħol flessibbli u favur il-familja, (iv) jindirizzaw l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u jiżguraw paga ugwali għal xogħol ugwali,	3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jindirizzaw l-iskarsezzi tal-forza tax-xogħol billi (i) jippromwovu l-perkorsi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja, (ii) itejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-paga, il-progressjoni u ż-żamma tal-karriera, jiżguraw is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali inkluża s-saħħa mentali, u l-protezzjoni mill-vjolenza u l-fastidju, (iii) jappoġġjaw arranġamenti tax-xogħol flessibbli u favur il-familja, (iv) jindirizzaw l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u jiżguraw paga ugwali għal xogħol ugwali,

u (v) jinvestu fit-titjib tal-ħiliet biex jintegraw b'mod sikur it-teknoloġiji l-ġodda ***u l-kondiviżjoni tal-kompiti meta klinikament xieraq***; jistenna bil-ħerqa, f'dan ir-rigward, il-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni għal Impjiegi ta' Kwalità li jmiss;	u (v) jinvestu fit-titjib tal-ħiliet biex jintegraw b'mod sikur it-teknoloġiji l-ġodda; jistenna bil-ħerqa, f'dan ir-rigward, il-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni għal Impjiegi ta' Kwalità li jmiss;

Or. en

Emenda 326
Laurent Castillo, Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jistieden lill-Kummissjoni ***u lill-Istati Membri jindirizzaw*** l-iskarsezzi tal-forza tax-xogħol billi: i) ***jippromwovu*** l-perkorsi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja, (ii) ***itejbu l-kundizzjonijiet*** tax-xogħol u l-paga, il-progressjoni u ż-żamma tal-karriera, ***jiżguraw is-saħħa*** u s-sikurezza okkupazzjonali inkluża s-saħħa mentali, u l-protezzjoni mill-vjolenza u l-fastidju, (iii) ***jappoġġjaw*** arranġamenti tax-xogħol flessibbli u favur il-familja, (iv) ***jindirizzaw*** l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u ***jiżguraw*** paga ugwali għal xogħol ugwali, u (v) ***jinvestu fit-titjib tal-ħiliet biex jintegraw b'mod sikur it-teknoloġiji*** l-ġodda u l-kondiviżjoni tal-kompiti meta klinikament xieraq; jistenna bil-ħerqa, f'dan ir-rigward, il-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni għal Impjiegi ta' Kwalità li jmiss;	3. Jistieden lill-Kummissjoni ***tindirizza*** l-iskarsezzi tal-forza tax-xogħol billi: i) ***tippromwovi*** l-perkorsi ta' edukazzjoni u taħriġ ta' kwalità għolja, (ii) ***ittejjeb il-kundizzjonijiet*** tax-xogħol u l-paga, il-progressjoni u ż-żamma tal-karriera, ***tiżgura s-saħħa*** u s-sikurezza okkupazzjonali inkluża s-saħħa mentali, u l-protezzjoni mill-vjolenza u l-fastidju, (iii) ***tappoġġja*** arranġamenti tax-xogħol flessibbli u favur il-familja, (iv) ***tindirizza*** l-inugwaljanzi bejn il-ġeneri u ***tiżgura*** paga ugwali għal xogħol ugwali ***u kompetenzi ugwali***, u (v) ***tinvesti fit-teknoloġiji*** l-ġodda u l-kondiviżjoni tal-kompiti meta klinikament xieraq ***filwaqt li tiżviluppa l-kompetenzi tal-persunal***; jistenna bil-ħerqa, f'dan ir-rigward, il-Pjan Direzzjonali tal-Kummissjoni għal Impjiegi ta' Kwalità li jmiss;

Or. fr

Emenda 327
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jikkundanna kwalunkwe inizjattiva leġiżlattiva li tippermetti jew tinkoraġġixxi żieda fil-ħin tax-xogħol ta' kuljum lil hinn mil-limitu ta' 8 sigħat, filwaqt li jirrifjuta l-pretesti ta' "flessibbiltà" jew "adattament għall-ħtiġijiet tas-suq" li jippruvaw jiġġustifikaw id-dgħufija ta' dritt soċjali fundamentali miksub; jinnota li l-ħaddiema fis-settur tas-saħħa jwettqu missjoni li tinvolvi livell għoli ta' responsabbiltà li minnha jiddependu direttament il-ħajja u s-sikurezza taċ-ċittadini; jisħaq li l-għeja eċċessiva, l-eżawriment fiżiku u t-tensjoni mentali kkawżati minn sigħat tax-xogħol twal iżidu b'mod drammatiku r-riskju ta' żbalji b'konsegwenzi potenzjalment fatali; jisħaq li l-ħajjiet tal-pazjenti ma jeħtiġilhomx jiddependu mil-limiti ta' reżistenza tal-persunal eżawrit u li ż-żamma tal-ġurnata tax-xogħol ta' 8 sigħat fis-settur tas-saħħa tikkostitwixxi imperattiv morali u soċjali għall-protezzjoni tad-dinjità tal-bniedem, is-saħħa pubblika u s-sikurezza ta' kulħadd;

Or. el

Emenda 328
Nikos Papandreou, Romana Jerković, Christophe Clergeau, Vytenis Povilas Andriukaitis, Marta Temido

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sħab soċjali, l-assoċjazzjonijiet professjonali u l-istituzzjonijiet edukattivi, jadottaw miżuri mmirati biex tissaħħaħ l-

attraenza tal-karrieri mediċi u tal-kura tas-saħħa, filwaqt li jirrikonoxxu li r-reġistrazzjoni dejjem tonqos fi studji relatati mas-saħħa toħloq riskju fit-tul għas-sostenibbiltà tas-sistemi tal-kura tas-saħħa; jitlob, f'dan il-kuntest: (a) l-integrazzjoni ta' inizjattivi tal-benesseri u l-litteriżmu fis-saħħa mentali fil-kurrikuli mediċi, tal-infermerija u tal-kura tas-saħħa relatati; (b) it-titjib fir-remunerazzjoni u fil-kundizzjonijiet tax-xogħol; (c) azzjonijiet immirati biex jiġu indirizzati d-disparitajiet bejn il-ġeneri fit-tmexxija u fil-pagi; u (d) il-promozzjoni tat-tagħlim tul il-ħajja u perkorsi ta' progressjoni tal-karriera flessibbli biex jiġi appoġġjat l-iżvilupp professjonali tul iċ-ċiklu tal-karriera;

Or. en

Emenda 329
Maria Ohisalo, Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jisħaq li l-paga baxxa hija waħda mill-ixprunaturi tal-iskarsezzi ta' ħaddiema; jissottolinja, għalhekk, li pagi u benefiċċji ġusti għandhom rwol sinifikanti fiż-żamma tal-impjiegi u l-attrazzjoni ta' talent ġdid lejn is-settur tal-kura tas-saħħa; jinnota li minkejja qafas edukattiv armonizzat għal ħafna professjonisti fil-kura tas-saħħa, il-pagi jvarjaw b'mod sinifikanti fl-UE kollha; jappella għal sforzi politiċi akbar biex jiġu żgurati pagi ġusti għall-professjonisti fil-kura tas-saħħa kollha permezz tat-tisħiħ tan-negozjar kollettiv u d-djalogu soċjali;

Or. en

Emenda 330
Marlena Maląg

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jenfasizza li l-ħaddiema tal-kura tas-saħħa jeħtiġilhom jitħallsu paga deċenti, u li l-ħlas ta' dawn il-pagi għandu jitqies bħala investiment fin-nies aktar milli bħala spiża; jesprimi dispjaċir għall-fatt li ċerti Stati Membri qed jippjanaw li jiffriżaw il-pagi għall-ħaddiema tal-kura tas-saħħa, li se jiggrava l-problemi li qed jiffaċċja s-settur tal-kura tas-saħħa, inkluż it-telf ta' ħaddiema tal-kura tas-saħħa bi kwalifiki għoljin mis-suq tax-xogħol;

Or. pl

Emenda 331
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jargumenta li r-rikonoxximent u l-protezzjoni tad-dritt għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata fost il-professjonisti fil-kura tas-saħħa huwa prerekwiżit għaż-żamma ta' aċċess għall-pazjenti sostenibbli u ekwu maż-żmien, peress li nuqqas ta' attenzjoni għal din il-kwistjoni jrawwem nuqqas ta' sodisfazzjon bl-impjieg, burnout u eventwalment telf tal-forza tax-xogħol;

Or. en

Emenda 332
Estelle Ceulemans, Gabriele Bischoff, Marc Angel, Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel, Marit Maij, Isilda Gomes, Romana Jerković, Klára Dobrev, Evelyn Regner, Marianne Vind

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jistieden lill-Istati Membri jirrikonoxxu l-professjonijiet tas-saħħa u l-kura bħala strateġiċi għall-koeżjoni soċjali u ekonomika, u jiżguraw kundizzjonijiet tal-paga u tal-karriera li jirriflettu l-valur soċjali tagħhom;

Or. en

Emenda 333
Marlena Maląg

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3b. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri jieħdu passi biex jgħaqqdu l-forza tax-xogħol tal-kura tas-saħħa; jissottolinja li l-għoti tal-kura tas-saħħa jinvolvi timijiet ta' individwi li jaħdmu flimkien, u li kull tentattiv biex tinqasam il-forza tax-xogħol tal-kura tas-saħħa għandu jiġi miġġieled;

Or. pl

Emenda 334
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3b. Jissottolinja li r-riorganizzazzjoni u l-modernizzazzjoni tal-perkorsi tal-pazjenti huma kruċjali biex jittejbu l-allokazzjoni u l-użu strateġiċi tal-forza tax-xogħol tas-saħħa, li jsaħħu l-effiċjenza tas-sistema u r-riżultati tal-pazjenti;

Or. en

Emenda 335
Marlena Maląg

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3c. Jissottolinja l-ħtieġa li ssir promozzjoni tal-impjieg stabbli; jinnota li l-forza tax-xogħol tal-kura tas-saħħa hija frammentata ħafna fil-preżent minħabba l-varjetà ta' forom differenti ta' impjieg; jikkunsidra li l-ħaddiema spiss ġew imġiegħla jaqilbu għal forom differenti ta' impjieg, u li dan bħalissa huwa sors ta' problemi fir-rigward tal-infurzar tad-drittijiet tax-xogħol tagħhom;

Or. pl

Emenda 336
Maria Ohisalo, Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jirrikonoxxi d-dimensjoni tal-ġeneru ***fix-xogħol tas-saħħa*** u jitlob miżuri mmirati kontra d-disparitajiet fil-pagi, l-	4. Jirrikonoxxi d-dimensjoni tal-ġeneru ***qawwija fis-saħħa u fis-settur tal-kura*** u jitlob miżuri mmirati kontra d-

	6b. Iħeġġeġ biex isir titjib fil-kamp ta' applikazzjoni u l-infurzar tal-leġiżlazzjoni eżistenti, u r-rikonoxximent tal-prevenzjoni tal-vjolenza bħala responsabbiltà ewlenija tal-ġestjoni; jappella għal linji gwida ta' tolleranza żero, miżuri ambjentali u organizzazzjonali preventivi, u aċċess għal hotlines, linji telefoniċi għall-għajnuna ddedikati u appoġġ kunfidenzjali għas-saħħa mentali għall-persunal, inkluż ġbir ta' informazzjoni wara l-inċident u ħin protett biex tinstab il-kura; jappella għal kampanji pubbliċi lokali u nazzjonali kkoordinati biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni u tiġi kkundannata l-vjolenza kontra l-persunal tas-saħħa; jappoġġja protokolli ta' kooperazzjoni strutturata mal-forzi tal-pulizija biex jiġu żgurati risponsi rapidi u proporzjonati li jipproteġu d-drittijiet tal-pazjenti u s-sikurezza tal-persunal; jinkoraġġixxi inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni tal-komunità u tal-ispettaturi;

Or. en

Emenda 400
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6b. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea tipproponi inizjattiva leġiżlattiva dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tar-riskji psikosoċjali relatati max-xogħol biex tipprevjeni l-burnout, it-tbatija emozzjonali, id-dipressjoni u l-ansjetà fil-forza tax-xogħol tas-saħħa u tal-kura;

Or. en

Emenda 401
Kathleen Funchion

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6c. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrikjedu monitoraġġ rigoruż f'ħin reali tas-sigħat maħduma minn studenti f'kollokamenti kliniċi, trainees, tobba li għadhom qed jispeċjalizzaw u professjonisti fil-kura tas-saħħa fil-bidu tal-karriera, u jinfurzaw il-konformità mal-istandards tal-ħin tax-xogħol u l-mistrieħ; iħeġġeġ li din l-attività ta' monitoraġġ tkun tinkludi:
	(i) iż-żamma ta' ħin diġitali obbligatorju li tirreġistra l-ħin tal-bidu/tat-tmiem, on-call (attiv/mhux attiv), tax-xogħol ta' billejl, tal-ivvjaġġar bejn siti u ta' taħriġ obbligatorju;
	(ii) l-aggregazzjoni tas-sigħat tar-rotazzjonijiet/tal-impjegati kollha biex jiġu vverifikati l-limiti ta' kull ġimgħa u xahar, il-mistrieħ ta' kuljum/kull ġimgħa u x-xiftijiet ta' billejl konsekuttivi

massimi;

(iii) projbizzjoni ċara ta' sahra mhux imħallsa u ta' kwalunkwe pressjoni biex jiġu rrapportati anqas sigħat, b'kanali ta' rappurtar kunfidenzjali u mhux ritaljatorji;

(iv) awditi ta' rutina minn awtoritajiet kompetenti u l-pubblikazzjoni ta' dashboards tal-konformità anonimizzati;

(v) miżuri korrettivi—kumpens jew jiem liberi mix-xogħol bħala kumpens, mistrieħ restorattiv u valutazzjoni tar-riskju psikosoċjali—meta jseħħ ksur;

(vi) rabta tal-akkreditazzjoni, l-approvazzjoni u l-eliġibbiltà tal-programm għal fondi tal-UE/nazzjonali għal konformità dimostrabbli; kif ukoll

(vii) salvagwardji għall-protezzjoni tad-data u l-privatezza tal-ħaddiema/tal-istudenti, inkluża sorveljanza indipendenti b'rappreżentanza tal-istudenti u l-persunal;

Or. en

Emenda 402
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6c. Itenni li, skont l-EU-OSHA[1a], id-disturbi muskoloskeletali jibqgħu il-kawża ewlenija ta' problemi tas-saħħa relatati max-xogħol fis-settur tal-kura tas-saħħa;

[1a] L-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA). Disturbi muskoloskeletali, https://osha.europa.eu/mt/themes/musculoskeletal-disorders

Or. en

Emenda 403
Kathleen Funchion

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6d. Josserva li ksur sistemiku tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol għadu jseħħ fi sptarijiet, djar tal-kura u servizzi essenzjali oħra, li jwassal għal sigħat tax-xogħol eċċessivi, xiftijiet ta' billejl u sahra furzata għall-ħaddiema tas-saħħa u l-kura; jikkunsidra li tali prattiki jipperikolaw kemm is-saħħa tal-ħaddiema kif ukoll is-sikurezza tal-pazjenti, u jaffettwaw b'mod sproporzjonat lin-nisa, li jifformaw il-maġġoranza tal-forza tax-xogħol tas-saħħa u l-kura; jistieden lill-Kummissjoni tinkludi s-setturi tal-kura tas-saħħa u tal-kura fit-tul fir-reviżjoni tad-Direttiva dwar il-Ħin tax-Xogħol, bil-għan li tintroduċi limiti ċari dwar ix-xogħol ta' billejl, ix-xiftijiet konsekuttivi u s-sahra obbligatorja; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tivvaluta l-kostijiet soċjali u ekonomiċi fit-tul ta' xiftijiet eċċessivament twal u skedar imprevedibbli, li jdgħajfu s-sostenibbiltà tal-forza tax-xogħol u l-kwalità tal-kura fl-Unjoni kollha;

Or. en

Emenda 404
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

6d. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu l-aċċess għal programmi ta' eżerċizzju fiżiku u riabilitazzjoni mfassla biex jipprevjenu u jnaqqsu d-disturbi muskoloskeletali fost il-ħaddiema tal-kura tas-saħħa, u jintegraw tali inizjattivi fl-istrateġiji tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol;

Or. en

Emenda 405
Estelle Ceulemans, Gabriele Bischoff, Marc Angel, Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel, Marit Maij, Isilda Gomes, Romana Jerković, Klára Dobrev, Evelyn Regner, Marianne Vind

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jissottolinja r-rwol kruċjali tas-sħab soċjali u tal-korpi professjonali fin-negozjar ***nazzjonali u*** kollettiv fil-livell nazzjonali u tal-UE u jitlob l-involviment mill-qrib tagħhom fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-forza tax-xogħol;	7. Jissottolinja r-rwol kruċjali tas-sħab soċjali u tal-korpi professjonali ***fil-livelli nazzjonali u tal-UE u*** fin-negozjar kollettiv ***u d-djalogu soċjali*** fil-livell nazzjonali u tal-UE u jitlob l-involviment mill-qrib tagħhom fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-forza tax-xogħol***, u t-titjib tal-istandards fuq il-post tax-xogħol***;

Or. en

Emenda 406
Tomislav Sokol, Adam Jarubas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jissottolinja r-rwol kruċjali tas-sħab soċjali u tal-korpi professjonali fin-negozjar nazzjonali u kollettiv fil-livell nazzjonali u tal-UE ***u jitlob*** l-involviment	7. Jissottolinja r-rwol kruċjali tas-sħab soċjali u tal-korpi professjonali fin-negozjar nazzjonali u kollettiv fil-livell nazzjonali u tal-UE***; jinkoraġġixxi*** l-

mill-qrib ***tagħhom fit-tfassil u fl-implimentazzjoni*** tal-istrateġiji tal-forza tax-xogħol;	involviment mill-qrib ***u strutturat tal-istituzzjonijiet akkademiċi u s-soċjetajiet xjentifiċi fit-tfassil, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni*** tal-istrateġiji tal-forza tax-xogħol;

Or. en

Emenda 407
Giorgos Georgiou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jissottolinja r-rwol kruċjali tas-sħab soċjali u tal-korpi professjonali fin-negozjar ***nazzjonali u*** kollettiv fil-livell nazzjonali u tal-UE u jitlob l-involviment mill-qrib tagħhom fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-forza tax-xogħol;	7. Jissottolinja r-rwol kruċjali tas-sħab soċjali u tal-korpi professjonali ***fil-livell nazzjonali u tal-UE u*** fin-negozjar kollettiv ***u d-djalogu soċjali*** fil-livell nazzjonali u tal-UE u jitlob l-involviment mill-qrib tagħhom fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-forza tax-xogħol;

Or. en

Emenda 408
Marie-Luce Brasier-Clain, Aleksandar Nikolic, Nikola Bartůšek, Ondřej Knotek, Valérie Deloge, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jissottolinja r-rwol kruċjali tas-sħab soċjali u tal-korpi professjonali fin-negozjar nazzjonali u kollettiv fil-livell nazzjonali u tal-UE u jitlob l-involviment mill-qrib tagħhom fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-forza tax-xogħol;	7. Jissottolinja r-rwol kruċjali tas-sħab soċjali u tal-korpi professjonali fin-negozjar nazzjonali u kollettiv fil-livell nazzjonali u tal-UE u jitlob l-involviment mill-qrib tagħhom fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-forza tax-xogħol; ***jissottolinja l-ħtieġa li l-ħaddiema tas-saħħa jiġu integrati aħjar fl-ewwel linja fl-iżvilupp tal-politiki tas-***

saħħa;

Or. fr

Emenda 409
Pascal Arimont

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jissottolinja r-rwol kruċjali tas-sħab soċjali u tal-korpi professjonali fin-negozjar nazzjonali u kollettiv fil-livell nazzjonali u tal-UE u jitlob l-involviment mill-qrib tagħhom fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-forza tax-xogħol;	7. Jissottolinja r-rwol kruċjali tas-sħab soċjali u tal-korpi professjonali***, il-partijiet ikkonċernati u r-rappreżentanti tal-industrija*** fin-negozjar nazzjonali u kollettiv fil-livell nazzjonali u tal-UE u jitlob l-involviment mill-qrib tagħhom fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-forza tax-xogħol***; jinkoraġġixxi wkoll il-kollaborazzjoni transfruntiera u l-iskambju fl-edukazzjoni u t-taħriġ***;

Or. en

Emenda 410
Elena Nevado del Campo, Dolors Montserrat

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jissottolinja r-rwol kruċjali tas-sħab soċjali u tal-korpi professjonali fin-negozjar nazzjonali u kollettiv fil-livell nazzjonali u tal-UE u jitlob l-involviment mill-qrib tagħhom fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-forza tax-xogħol;	7. Jissottolinja r-rwol kruċjali tas-sħab soċjali u tal-korpi professjonali***, inklużi l-Kunsilli Ġenerali tal-Kmamar tal-Professjonisti,*** fin-negozjar nazzjonali u kollettiv fil-livell nazzjonali u tal-UE u jitlob l-involviment mill-qrib tagħhom fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-forza tax-xogħol;

Or. es

Emenda 411
Marta Temido, Romana Jerković, Vytenis Povilas Andriukaitis, Pierre Jouvet, Nikos Papandreou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jissottolinja r-rwol kruċjali tas-sħab soċjali ***u tal-korpi professjonali*** fin-negozjar nazzjonali u kollettiv fil-livell nazzjonali u tal-UE u jitlob l-involviment mill-qrib tagħhom fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-forza tax-xogħol;	7. ***Jirrikonoxxi r-rwol li l-korpi professjonali jista' jkollhom fl-iżgurar tal-kwalità tal-kura;*** jissottolinja r-rwol kruċjali tas-sħab soċjali fin-negozjar nazzjonali u kollettiv fil-livell nazzjonali u tal-UE u jitlob l-involviment mill-qrib tagħhom fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-forza tax-xogħol;

Or. en

Emenda 412
Kathleen Funchion

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jissottolinja r-rwol kruċjali tas-sħab soċjali u tal-korpi professjonali fin-negozjar nazzjonali u kollettiv fil-livell nazzjonali u tal-UE u jitlob l-involviment mill-qrib tagħhom fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-forza tax-xogħol;	7. Jissottolinja r-rwol kruċjali tas-sħab soċjali u tal-korpi professjonali fin-negozjar nazzjonali u kollettiv ***u d-djalogu soċjali*** fil-livell nazzjonali u tal-UE u jitlob l-involviment mill-qrib tagħhom fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-forza tax-xogħol;

Or. en

Emenda 413
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jissottolinja r-rwol kruċjali tas-sħab soċjali u tal-korpi professjonali fin-negozjar nazzjonali u kollettiv fil-livell nazzjonali u tal-UE u jitlob l-involviment mill-qrib tagħhom fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-forza tax-xogħol;	7. Jissottolinja r-rwol kruċjali tas-sħab soċjali***, tat-trade unions*** u tal-korpi professjonali fin-negozjar nazzjonali u kollettiv fil-livell nazzjonali u tal-UE u jitlob l-involviment mill-qrib ***istituzzjonalment garantit*** tagħhom ***fil-livelli kollha*** fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-forza tax-xogħol;

Or. el

Emenda 414
Nikos Papandreou, Romana Jerković, Christophe Clergeau, Vytenis Povilas Andriukaitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jissottolinja r-rwol kruċjali tas-sħab soċjali u tal-korpi professjonali fin-negozjar nazzjonali u kollettiv fil-livell nazzjonali u tal-UE u jitlob l-involviment mill-qrib tagħhom fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-forza tax-xogħol;	7. Jissottolinja r-rwol kruċjali tas-sħab soċjali***, tal-pazjenti, tal-persuni li jindukraw u tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili*** u tal-korpi professjonali fin-negozjar nazzjonali u kollettiv fil-livell nazzjonali u tal-UE u jitlob l-involviment mill-qrib tagħhom fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-forza tax-xogħol;

Or. en

Emenda 415
Michalis Hadjipantela

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jissottolinja r-rwol kruċjali tas-sħab soċjali u tal-korpi professjonali fin-	7. Jissottolinja r-rwol kruċjali tas-sħab soċjali***, tal-partijiet ikkonċernati, tal-***

negozjar nazzjonali u kollettiv fil-livell nazzjonali u tal-UE u jitlob l-involviment mill-qrib tagħhom fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-forza tax-xogħol;	***industrija*** u tal-korpi professjonali fin-negozjar nazzjonali u kollettiv fil-livell nazzjonali u tal-UE u jitlob l-involviment mill-qrib tagħhom fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-forza tax-xogħol;

Or. en

Emenda 416
Raffaele Topo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jissottolinja r-rwol kruċjali tas-sħab soċjali u tal-korpi professjonali fin-negozjar nazzjonali u kollettiv fil-livell nazzjonali u tal-UE u jitlob l-involviment mill-qrib tagħhom fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-forza tax-xogħol;	7. Jissottolinja r-rwol kruċjali tas-sħab soċjali***, tat-trade unions*** u tal-korpi professjonali fin-negozjar nazzjonali u kollettiv fil-livell nazzjonali u tal-UE u jitlob l-involviment mill-qrib tagħhom fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji tal-forza tax-xogħol;

Or. it

Emenda 417
Laurent Castillo, Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jissottolinja li l-evoluzzjoni tar-relazzjoni max-xogħol, l-aspettattivi professjonali u l-profili tal-persunal tal-kura tas-saħħa jirrappreżentaw bidla strutturali kbira fl-Unjoni; jistma, konsegwentement, li l-valutazzjoni tal-provvista tal-kura għandha tkun ibbażata mhux biss fuq in-numru ta' professjonisti fil-kura tas-saħħa meta mqabbel man-numru ta' abitanti, iżda fuq il-volum

	medju ta' sigħat ta' xogħol li attwalment iwettqu l-professjonisti fil-kura tas-saħħa, b'mod partikolari t-tobba, sabiex tiġi riflessa aħjar ir-realtà tal-provvista tal-kura għall-pazjenti;

Or. fr

Emenda 418
Loucas Fourlas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrieżaminaw u jirrevedu l-qafas eżistenti dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali biex jiżguraw prevenzjoni u mitigazzjoni aktar effettiva tal-impatt tal-mard rewmatiku u muskoloskeletali (RMDs) u mard kroniku ieħor fuq il-ħaddiema tal-kura tas-saħħa, b'enfasi partikolari fuq it-titjib tal-miżuri ta' akkomodazzjoni, flessibbiltà u reintegrazzjoni fuq il-post tax-xogħol;

Or. en

Emenda 419
Margarita de la Pisa Carrión, Ondřej Knotek

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***7a. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-ġestjoni tas-sistemi tas-saħħa titwettaq minn professjonisti b'esperjenza ppruvata fil-ġestjoni tal-kura tas-saħħa u l-għarfien tekniku meħtieġ; jappella wkoll għal kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti u rikonoxximent istituzzjonali għall-**

professjonisti fil-kura tas-saħħa, li d-dedikazzjoni tagħhom ma għandhiex tintuża biex tikkumpensa għan-nuqqasijiet maniġerjali;

Or. en

Emenda 420
Pascal Arimont

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jissottolinja l-ħtieġa ta' baġit tas-saħħa komprensiv u ffinanzjat b'mod adegwat fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2028–2034, li jiżgura l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' strateġija Ewropea fit-tul tal-forza tax-xogħol tas-saħħa, li jindirizza l-iskarsezzi fil-forza tax-xogħol fil-qasam tal-kura tas-saħħa u jiżgura li s-sistemi tas-saħħa fl-Unjoni kollha jkunu sostenibbli, reżiljenti u aċċessibbli;

Or. en

Emenda 421
Tomislav Sokol, Adam Jarubas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġi żgurat li d-dritt għal oġġezzjoni tal-kuxjenza fil-kura tas-saħħa jiġi rrispettat u ggarantit f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali u l-valuri Ewropej, bħala element integrali tal-protezzjoni tal-istandards etiċi, tal-appoġġ tal-benesseri tal-professjonisti fil-kura tas-saħħa u l-promozzjoni tas-sostenibbiltà tas-sistemi

tal-kura tas-saħħa fl-Unjoni kollha;

Or. en

Emenda 422
Viktória Ferenc, Pál Szekeres, Marie-Luce Brasier-Clain

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Ifakkar li l-ħaddiema tal-kura tas-saħħa jwettqu dmirijiet ta' servizz pubbliku u li, għalhekk, kwalunkwe attakk kontrihom, jew kwalunkwe negliġenza serja jew ostaklu intenzjonat, irid jiġi kkastigat severament; iħeġġeġ lill-Istati Membri jipprevedu penali dissważivi għal individwi li jinstabu ħatja li jattakkaw membru tal-forza tax-xogħol fil-qasam tal-kura tas-saħħa;

Or. en

Emenda 423
Maria Ohisalo, Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jinsisti fuq l-importanza tas-sejħa għal azzjoni mid-WHO biex jiġi infurzat approċċ ta' tolleranza żero għall-bullying, il-fastidju u forom oħra ta' vjolenza fuq il-post tax-xogħol, permezz tat-titjib u l-promozzjoni ta' strutturi ta' appoġġ organizzazzjonali u leġiżlattivi, kif ukoll sistemi aħjar ta' rappurtar tal-inċidenti;

Or. en

Emenda 424
Raffaele Topo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Itenni li l-awtoritajiet tal-kura tas-saħħa għandhom jiżguraw kundizzjonijiet organizzattivi li jipprevjenu l-istress relatat max-xogħol, il-burnout u kull forma ta' diffikultà soċjali; għandhom jikkontribwixxu wkoll għall-prevenzjoni ta' atti ta' vjolenza kontra professjonisti tal-kura tas-saħħa;

Or. it

Emenda 425
Marie-Luce Brasier-Clain, Aleksandar Nikolic, Nikola Bartůšek, Ondřej Knotek, Valérie Deloge, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jiżdiedu s-salarji tal-persunal tal-kura sabiex dawn ix-xogħlijiet isiru aktar attraenti; jinnota li għandhom jiġu offruti sistematikament tariffi preferenzjali jew bonusijiet għax-xogħol ta' numru ta' sigħat f'daqqa jew xiftijiet twal;

Or. fr

Emenda 426
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jistieden lill-Istati Membri jiggarantixxu lill-organizzazzjonijiet professjonali u tal-pazjenti rwol formali u effettiv fl-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar is-saħħa, li jiżgura l-parteċipazzjoni sinifikattiva tagħhom matul il-proċess kollu ta' teħid ta' deċiżjonijiet;

Or. en

Emenda 427
Giorgos Georgiou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu n-negozjar kollettiv u d-djalogu soċjali, u jappoġġjaw lis-sħab soċjali kemm fil-livell tal-UE kif ukoll dak nazzjonali fit-titjib tal-istandards tal-post tax-xogħol;

Or. en

Emenda 428
Kathleen Funchion

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu n-negozjar kollettiv u d-djalogu soċjali, u jappoġġjaw lis-sħab soċjali kemm fil-livell tal-UE kif ukoll dak nazzjonali fit-titjib tal-istandards tal-post tax-xogħol;

Or. en

Emenda 429
Laurent Castillo, Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jitlob li l-Kummissjoni tippreżenta, abbażi tal-Artikolu 83, il-paragrafu 1, is-subparagrafu 3, tat-TFUE, proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li tidentifika l-vjolenza fuq il-professjonisti fil-kura tas-saħħa bħala qasam ġdid ta' kriminalità li jirrispondi għall-kriterji speċifikati f'dak l-Artikolu, skont ir-rakkomandazzjonijiet inkluż fl-anness, u jitlob lill-Kummissjoni tuża dak il-qasam il-ġdid ta' kriminalità bħala bażi legali għal direttiva globali tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, iffukata fuq il-vittmi, għall-prevenzjoni u għall-ġlieda kontra kull forma ta' vjolenza fuq il-professjonisti fil-kura tas-saħħa, kemm online kif ukoll offline;

Or. fr

Emenda 430
Loucas Fourlas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jirrikonoxxi li l-RMDs huma l-kawża ewlenija tal-problemi tas-saħħa relatati max-xogħol fis-settur tal-kura tas-saħħa u jenfasizza li kull sena bejn 60 % u 90 % tal-infermiera jirrapportaw li jesperjenzaw RMD; jistieden lill-Kummissjoni tissostitwixxi l-qafas

leġiżlattiv frammentat u skadut attwali b'Direttiva dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-RMDs, kif mitlub qabel mill-Parlament Ewropew;

Or. en

Emenda 431
Marie-Luce Brasier-Clain, Aleksandar Nikolic, Nikola Bartůšek, Valérie Deloge

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Ifakkar li l-forza tax-xogħol fil-qasam tal-kura tas-saħħa jeżerċitaw missjonijiet ta' servizz pubbliku u li kull tip ta' aggressjoni kontrihom trid tiġi kkastigata b'mod sever; jitlob li minnufih l-Istati Membri jipprevedu sanzjonijiet dissważivi kontra l-individwi ħatja ta' aggressjoni kontra membru tal-forza tax-xogħol fil-qasam tal-kura tas-saħħa;

Or. fr

Emenda 432
Maria Ohisalo, Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jappoġġja l-fatt li l-protezzjoni tas-saħħa mentali tal-persunal issir indikatur tal-prestazzjoni ewlieni biex jintuża bħala bażi għall-obbligu ta' rendikont tal-maniġers tal-kura tas-saħħa li jippromwovu u jipproteġu s-saħħa mentali u l-benesseri tal-persunal;

Or. en

Emenda 433
Pascal Arimont

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7b. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni Ewropew tappoġġja lill-Istati Membri tal-UE fil-qbil dwar standards minimi referenzjarji għall-persunal tal-isptarijiet, inkluż f'ċentri tal-kanċer;

Or. en

Emenda 434
Pascal Arimont

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7c. Jissottolinja li filwaqt li s-sahra hija kwistjoni trażversali li taffettwa l-forza tax-xogħol fil-qasam tal-kura tas-saħħa u tal-onkoloġija, il-kumpens għas-sahra jvarja b'mod sinifikanti fl-Istati Membri differenti, filwaqt li jenfasizza l-piż mhux ugwali impost fuq il-forza tax-xogħol fil-qasam tal-kura tas-saħħa u tal-onkoloġija fl-Istati Membri differenti;

Or. en

Emenda 435
Pascal Arimont

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7d (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

7d. Jirrikonoxxi li l-professjonisti fil-kura tas-saħħa żgħażagħ huma f'riskju akbar ta' tbatija morali, u allokazzjoni tal-ammont tax-xogħol mhux xierqa, u jappella għall-istabbiliment ta' sistemi ta' mentoraġġ robusti fil-post tax-xogħol biex jipprovdu appoġġ;

Or. en

Emenda 436
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jinnota li n-nisa jikkostitwixxu l-maġġoranza tal-ħaddiema fis-settur tas-saħħa u li huma għadhom sottorappreżentati f'pożizzjonijiet ta' responsabbiltà; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw politiki ta' ugwaljanza, jeliminaw id-differenzi fil-pagi bejn il-ġeneri u jirrikonoxxu l-kura informali bħala xogħol soċjalment utli;

Or. el

Emenda 437
Maria Ohisalo, Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7c (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7c. Jinnota bi tħassib li l-ħinijiet ta' stennija twal, iggravati mill-iskarsezzi tal-forza tax-xogħol, jikkompromettu l-aċċess f'waqtu għall-kura, li jwassal għal riżultati tas-saħħa aktar batuti; jisħaq li dijanjożi u trattament imdewma jżidu l-

kostijiet tal-kura tas-saħħa u jpoġġu pressjoni addizzjonali fuq is-sistemi tal-kura tal-emerġenza u fit-tul;

Or. en

Emenda 438
Kathleen Funchion

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 2a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jirrikonoxxi l-isfidi uniċi ffaċċjati mill-komunitajiet rurali u insulari fl-aċċess u l-provvista tal-kura tas-saħħa; jistieden lill-Istati Membri jikkunsidraw strateġiji tal-kura tas-saħħa speċifiċi għall-komunitajiet rurali u insulari;

Or. en

Emenda 439
Kathleen Funchion

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 2b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jirrikonoxxi l-epidemija fis-saħħa mentali;

Or. en

Emenda 440
Estelle Ceulemans, Gabriele Bischoff, Marc Angel, Idoia Mendia, Alicia Homs Ginel, Marit Maij, Isilda Gomes, Romana Jerković, Klára Dobrev, Evelyn Regner, Marianne Vind

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jirrakkomanda li l-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri jikkoordinaw bejniethom aħjar biex jiżviluppaw strateġiji tas-saħħa reġjonali integrati;	8. Jirrakkomanda li l-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri jikkoordinaw bejniethom aħjar biex jiżviluppaw strateġiji tas-saħħa reġjonali integrati; ***l-Istati Membri għandhom, f'konverġenza, jadottaw mudell ta' kura komprensiv u integrat, li jikkombina t-trattament (kura medika) u l-kura (relazzjonali u soċjali), iċċentrat fuq l-individwu, li jkopri l-kura fl-isptar, fid-dar, fil-komunità u tal-pazjenti ta' barra, filwaqt li jintegra l-prevenzjoni, is-saħħa mentali u l-appoġġ għall-indokraturi fil-familja, bil-parteċipazzjoni attiva tal-atturi tal-ekonomija soċjali;***

Or. en

Emenda 441
Tomislav Sokol, Adam Jarubas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jirrakkomanda li l-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri ***jikkoordinaw*** bejniethom ***aħjar*** biex jiżviluppaw strateġiji tas-saħħa reġjonali integrati;	8. Jirrakkomanda li l-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri ***jsaħħu l-koordinazzjoni*** bejniethom biex jiżviluppaw strateġiji tas-saħħa reġjonali integrati ***bbażati fuq data affidabbli u kumparabbli***; ***jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-approċċi bbażati fuq id-data għall-identifikazzjoni u l-indirizzar ta' disparitajiet reġjonali u territorjali fid-disponibbiltà tal-persunal tal-kura tas-saħħa, u jintegraw dawn is-sejbiet fl-ippjanar tal-forza tax-xogħol tas-saħħa nazzjonali u l-politiki ta' koeżjoni tal-UE;***

Or. en

Emenda 442
Maria Ohisalo, Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jirrakkomanda li l-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri jikkoordinaw bejniethom aħjar biex jiżviluppaw strateġiji tas-saħħa reġjonali integrati;	8. ***Jenfasizza li d-disparitajiet fl-aċċess u l-kwalità tal-kura bejn ir-reġjuni urbani u rurali minħabba l-iskarsezzi tal-forza tax-xogħol jipperpetwaw l-inugwaljanzi tas-saħħa; jappella għal investiment pubbliku mmirat biex isaħħaħ l-infrastruttura tal-kura tas-saħħa u l-forza tax-xogħol fil-qasam tal-kura tas-saħħa;*** jirrakkomanda li l-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri jikkoordinaw bejniethom aħjar biex jiżviluppaw strateġiji tas-saħħa reġjonali integrati;

Or. en

Emenda 443
Raffaele Topo

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jirrakkomanda li l-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri jikkoordinaw bejniethom aħjar biex jiżviluppaw strateġiji tas-saħħa reġjonali integrati;	8. Jirrakkomanda li l-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri jikkoordinaw bejniethom aħjar biex jiżviluppaw strateġiji tas-saħħa reġjonali integrati***. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu osservatorju dwar l-inugwaljanzi fl-aċċess għall-kura, bil-kompitu li jiġbor u janalizza data dwar il-ħinijiet ta' stennija u d-disparitajiet territorjali***;

Or. it

Emenda 444
Francesco Torselli, Chiara Gemma, Georgiana Teodorescu, Mariateresa Vivaldini, Lara Magoni

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jirrakkomanda li l-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri jikkoordinaw bejniethom aħjar biex jiżviluppaw strateġiji tas-saħħa reġjonali integrati;	8. Jirrakkomanda li l-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri jikkoordinaw bejniethom aħjar biex jiżviluppaw strateġiji tas-saħħa reġjonali integrati ***u jinsisti fuq l-iżvilupp strateġiku tas-servizzi speċjalizzati f'ambjenti tal-kura primarja u tal-komunità, pereżempju ċentri ta' konsulenza kardjoloġika, biex jiġu indirizzati d-"dežerti mediċi" fejn il-pazjenti ta' spiss jesperjenzaw ġimgħat jew xhur ta' dewmien għal kura speċjalizzata***;

Or. en

Emenda 445
Pascal Arimont

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jirrakkomanda li l-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri jikkoordinaw bejniethom aħjar biex jiżviluppaw strateġiji tas-saħħa reġjonali integrati;	8. Jirrakkomanda li l-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri jikkoordinaw bejniethom aħjar biex jiżviluppaw strateġiji tas-saħħa reġjonali integrati ***u jinsisti fuq l-iżvilupp strateġiku tas-servizzi speċjalizzati f'ambjenti tal-kura primarja u tal-komunità, pereżempju ċentri ta' konsulenza kardjoloġika, biex jiġu indirizzati d-"dežerti mediċi" fejn il-pazjenti ta' spiss jesperjenzaw ġimgħat jew xhur ta' dewmien għal kura speċjalizzata***;

Or. en

Emenda 446
Laurent Castillo, Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jirrakkomanda li l-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri jikkoordinaw bejniethom aħjar biex jiżviluppaw strateġiji tas-saħħa ***reġjonali integrati***;	8. Jirrakkomanda li l-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri jikkoordinaw bejniethom aħjar biex jiżviluppaw strateġiji tas-saħħa reġjonali integrati ***billi jitqiesu d-disparitajiet ġeografiċi, b'mod partikolari fir-reġjuni ultraperiferiċi***;

Or. fr

Emenda 447
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Irena Joveva, Vlad Vasile-Voiculescu, Jana Toom, Stine Bosse, Hristo Petrov, Olivier Chastel, Grégory Allione

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jirrakkomanda li l-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri jikkoordinaw bejniethom aħjar biex jiżviluppaw strateġiji tas-saħħa reġjonali integrati;	8. Jirrakkomanda li l-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri jikkoordinaw bejniethom aħjar biex jiżviluppaw strateġiji tas-saħħa reġjonali integrati***, inklużi għodod li se jgħinu biex jippreveni l-konċentrazzjoni ta' professjonisti mediċi fi bliet kbar u reġjuni żviluppati biss***;

Or. en

Emenda 448
Elena Nevado del Campo, Dolors Montserrat

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

8. Jirrakkomanda li l-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri jikkoordinaw bejniethom aħjar biex jiżviluppaw strateġiji tas-saħħa reġjonali integrati;	8. Jirrakkomanda li l-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri jikkoordinaw bejniethom aħjar biex jiżviluppaw strateġiji tas-saħħa reġjonali integrati; ***filwaqt li jqisu b'mod speċjali d-diskrepanzi bejn iż-żoni rurali, dawk li diffiċli jintlaħqu u dawk urbani;***

Or. es

Emenda 449
Vytenis Povilas Andriukaitis, Marta Temido, Nikos Papandreou, Pierre Jouvet

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jirrakkomanda li l-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri jikkoordinaw bejniethom aħjar biex jiżviluppaw strateġiji tas-saħħa reġjonali integrati;	8. Jirrakkomanda li l-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri jikkoordinaw bejniethom aħjar biex jiżviluppaw strateġiji tas-saħħa reġjonali integrati***; jinkoraġġixxieffiċjenza akbar fl-użu tal-istrumenti bħall-Istat tas-Saħħa fl-UE u l-profili tal-pajjiżi***;

Or. en

Emenda 450
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jirrakkomanda li l-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri jikkoordinaw bejniethom aħjar biex jiżviluppaw strateġiji tas-saħħa reġjonali integrati;	8. Jirrakkomanda li l-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri jikkoordinaw bejniethom aħjar biex jiżviluppaw strateġiji tas-saħħa reġjonali integrati ***u jnaqqsu l-inugwaljanzi fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema tal-kura tas-saħħa fost l-Istati Membri***;

Or. en

Emenda 451
Marta Temido, Romana Jerković, Victor Negrescu, Vytenis Povilas Andriukaitis, Pierre Jouvet, Nikos Papandreou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jirrakkomanda li l-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri jikkoordinaw bejniethom aħjar biex jiżviluppaw strateġiji tas-saħħa reġjonali integrati;	8. Jirrakkomanda li l-awtoritajiet rilevanti fl-Istati Membri jikkoordinaw bejniethom aħjar biex jiżviluppaw strateġiji tas-saħħa reġjonali integrati ***u jistabbilixxu perkorsi tal-kura integrati aħjar***;

Or. en

Emenda 452
Sirpa Pietikäinen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu l-istabbiliment ta' Ċentri tas-Saħħa għan-Nisa Tul il-Ħajja multidixxiplinari madwar l-UE kollha biex jipprovdu kura integrata, reattiva għal kwistjonijiet ta' ġeneru u kontinwa għan-nisa mill-adolexxenza sa età avvanzata; jissottolinja li n-nisa jirrappreżentaw nofs il-popolazzjoni u l-maġġoranza tal-forza tax-xogħol tas-saħħa u l-kura, u li l-investiment fis-saħħa tan-nisa huwa għalhekk essenzjali għas-sostenibbiltà u r-reżiljenza tas-sistemi tal-kura tas-saħħa; jisħaq li tali ċentri jistgħu jtejbu l-prevenzjoni, id-dijanjożi bikrija u l-ġestjoni ta' kundizzjonijiet prevalenti fin-nisa filwaqt li jservu bħala ċentri ta' innovazzjoni u taħriġ biex isaħħu l-kapaċità tal-forza tax-xogħol u l-kura sensittiva għall-

ġeneru fl-Unjoni kollha;

Or. en

Emenda 453
Vytenis Povilas Andriukaitis, Nikos Papandreou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jitlob li jinstab bilanċ bejn il-moviment liberu tal-ħaddiema u r-riskju li d-dežerti mediċi fl-UE u fil-pajjiżi tal-viċinat idgħajfu l-koperturi tas-saħħa universali fil-livell tal-Istati Membri u s-solidarjetà Ewropea; jemmen li l-kontradizzjonijiet eżistenti bejn il-mobbiltà tal-forza tax-xogħol, bħala l-assi tal-UE, u aċċess ugwali għas-servizzi tas-saħħa, bħala aspettattiva leġittima taċ-ċittadini Ewropej, għandhom jiġu diskussi u mmitigati; jikkunsidra li r-reazzjoni dwar l-iżvantaġġi tal-moviment liberu jeħtieġ li tiffoka aktar fuq l-integrazzjoni Ewropea, li jkollha l-għan li tnaqqas id-disparitajiet bejn l-Istati Membri tal-UE u bejn ir-reġjuni;

Or. en

Emenda 454
Laurent Castillo, Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. Jirrakkomanda li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jżidu l-parti tan-nefqa totali fuq is-saħħa ddedikati għall-prevenzjoni, b'mod partikolari għall-mard prevedibbli, sabiex ikun lieva essenzjali

11. Jieħu nota tal-inizjattiva l-ġdida, imħabbra milll-President tal-Kummissjoni, għar-reżiljenza tas-saħħa dinjija biex issaħħaħ ir-reżiljenza tas-saħħa dinjija u tiżgura t-tħejjija għall-pandemiji;	11. Jieħu nota tal-inizjattiva l-ġdida, imħabbra milll-President tal-Kummissjoni, għar-reżiljenza tas-saħħa dinjija biex issaħħaħ ir-reżiljenza tas-saħħa dinjija u tiżgura t-tħejjija għall-pandemiji; ***jistieden, f'dak ir-rigward, lill-Istati Membri jirriżervaw biżżejjed riżorsi biex jimmonitorjaw u josservaw l-iżviluppi tas-saħħa globali biex jiġi żgurat li fl-Ewropa l-fenomeni globali jiġu identifikati fil-ħin;***

Or. en

Emenda 504
Aurelijus Veryga

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jieħu nota tal-inizjattiva l-ġdida, imħabbra milll-President tal-Kummissjoni, għar-reżiljenza tas-saħħa dinjija biex issaħħaħ ir-reżiljenza ***tas-saħħa dinjija*** u ***tiżgura*** t-tħejjija ***għall-pandemiji***;	11. Jieħu nota tal-inizjattiva l-ġdida, imħabbra milll-President tal-Kummissjoni, għar-reżiljenza tas-saħħa dinjija biex issaħħaħ ir-reżiljenza ***tas-sistemi tas-saħħa u*** t-tħejjija ***għal avvenimenti ta' tfixkil, bħal pandemiji u aggressjoni militari***;

Or. en

Emenda 505
Maria Ohisalo, Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

11a. Ifakkar li l-kriżi klimatika u l-kriżi tas-saħħa huma marbuta mat-tibdil fil-klima, li jikkawża impatti diretti fuq is-saħħa bħall-istress mis-sħana u korrimenti minħabba temp estrem, żieda fil-mard infettiv u effetti indiretti bħal saħħa mentali ħażina, u għalhekk jagħmlu pressjoni fuq is-sistemi tal-kura tas-saħħa diġà vulnerabbli tagħna;

Or. en

Emenda 506
Loucas Fourlas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu strateġiji nazzjonali rigward il-persunal farmaċewtiku biex jiddefinixxu r-rwoli tal-ispiżjara tal-komunità fil-kura integrata; jirrikonoxxi li l-ispiżeriji tal-komunità huma faċilitajiet tas-saħħa tal-ewwel linja, ibbażati fil-komunità u infrastrutturi tas-saħħa essenzjali;	12. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu strateġiji nazzjonali rigward il-persunal farmaċewtiku biex jiddefinixxu r-rwoli tal-ispiżjara tal-komunità fil-kura integrata; jirrikonoxxi li l-ispiżeriji tal-komunità ***u tal-isptarijiet*** huma faċilitajiet tas-saħħa tal-ewwel linja, ibbażati fil-komunità u infrastrutturi tas-saħħa essenzjali; ***jirrikonoxxi li l-progress xjentifiku qed jittrasforma r-rwol tal-ispiżjara tal-isptarijiet u jappella għal investiment akbar fil-professjoni u għal miżuri biex jiġi ffaċilitat il-moviment liberu tal-ispiżjara biex tittejjeb il-flessibbiltà tal-forza tax-xogħol;***

Or. en

Emenda 507
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Irena Joveva, Vlad Vasile-Voiculescu, Jana Toom, Stine Bosse, Hristo Petrov, Olivier Chastel, Grégory Allione

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu strateġiji nazzjonali rigward il-persunal farmaċewtiku biex jiddefinixxu ***r-rwoli*** tal-ispiżjara tal-komunità fil-kura integrata; jirrikonoxxi li l-ispiżeriji tal-komunità huma faċilitajiet tas-saħħa tal-ewwel linja, ibbażati fil-komunità u infrastrutturi tas-saħħa essenzjali;	12. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu strateġiji nazzjonali rigward il-persunal farmaċewtiku biex jiddefinixxu ***kemm ir-rwoli*** tal-ispiżjara tal-komunità ***kif ukoll tal-isptarijiet*** fil-kura integrata; jirrikonoxxi li l-ispiżeriji tal-komunità huma faċilitajiet tas-saħħa tal-ewwel linja, ibbażati fil-komunità u infrastrutturi tas-saħħa essenzjali; ***jisħaq, fl-istess waqt, fuq il-ħtieġa urġenti li tissaħħaħ il-forza tax-xogħol tal-ispiżeriji tal-isptar, minħabba l-kontribut essenzjali tagħhom għas-sikurezza tal-pazjenti, għall-ġestjoni tal-mediċini u għall-kura multidixxiplinari fl-isptarijiet;***

Or. en

Emenda 508
Laurent Castillo, Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu strateġiji nazzjonali rigward il-persunal farmaċewtiku biex jiddefinixxu r-rwoli tal-ispiżjara tal-komunità fil-kura integrata; jirrikonoxxi li l-ispiżeriji tal-komunità huma faċilitajiet tas-saħħa tal-ewwel linja, ibbażati fil-komunità u infrastrutturi tas-saħħa essenzjali;	12. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu strateġiji nazzjonali rigward il-persunal farmaċewtiku biex jiddefinixxu r-rwoli tal-ispiżjara tal-komunità fil-kura integrata; jirrikonoxxi li l-ispiżeriji tal-komunità huma faċilitajiet tas-saħħa tal-ewwel linja, ibbażati fil-komunità u infrastrutturi tas-saħħa essenzjali ***li fuqhom għandhom jiġu bbażati l-azzjonijiet nazzjonali, filwaqt li jiġi rikonoxxut ir-rwol primarju tal-persunal tagħhom***;

Or. fr

Emenda 509
Liesbet Sommen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu strateġiji nazzjonali rigward il-persunal farmaċewtiku biex jiddefinixxu r-rwoli tal-ispiżjara tal-komunità fil-kura integrata; jirrikonoxxi li l-ispiżeriji tal-komunità huma faċilitajiet tas-saħħa tal-ewwel linja, ibbażati fil-komunità u infrastrutturi tas-saħħa essenzjali;	12. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu strateġiji nazzjonali rigward il-persunal farmaċewtiku biex jiddefinixxu r-rwoli ***ċċentrati fuq il-pazjenti u bbażati fuq l-evidenza*** tal-ispiżjara tal-komunità fil-kura integrata; jirrikonoxxi li l-ispiżeriji tal-komunità huma faċilitajiet tas-saħħa tal-ewwel linja, ibbażati fil-komunità u infrastrutturi tas-saħħa essenzjali;

Or. en

Emenda 510
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu strateġiji nazzjonali rigward il-persunal farmaċewtiku biex jiddefinixxu r-rwoli tal-ispiżjara tal-komunità fil-kura integrata; jirrikonoxxi li l-ispiżeriji tal-komunità huma faċilitajiet tas-saħħa tal-ewwel linja, ibbażati fil-komunità u infrastrutturi tas-saħħa essenzjali;	12. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu strateġiji nazzjonali rigward il-persunal farmaċewtiku biex jiddefinixxu r-rwoli tal-ispiżjara ***tal-isptarijiet u*** tal-komunità fil-kura integrata; jirrikonoxxi li l-ispiżeriji tal-komunità ***u tal-isptarijiet*** huma faċilitajiet tas-saħħa tal-ewwel linja, ibbażati fil-komunità u infrastrutturi tas-saħħa essenzjali;

Or. en

Emenda 511
Maria Ohisalo, Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu strateġiji nazzjonali rigward il-persunal farmaċewtiku biex jiddefinixxu r-rwoli tal-ispiżjara ***tal-komunità*** fil-kura integrata; jirrikonoxxi li l-ispiżeriji ***tal-komunità*** huma ***faċilitajiet tas-saħħa*** tal-ewwel linja, ibbażati fil-komunità u infrastrutturi tas-saħħa essenzjali;	12. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jistabbilixxu strateġiji nazzjonali rigward il-persunal farmaċewtiku biex jiddefinixxu r-rwoli tal-ispiżjara fil-kura integrata; jirrikonoxxi li l-ispiżeriji huma ***kura primarja*** tal-ewwel linja, ibbażati fil-komunità u infrastrutturi tas-saħħa essenzjali ***biex inaqqsu d-dipendenza minn sistemi ċċentrati fl-isptar***;

Or. en

Emenda 512
Marta Temido, Romana Jerković, Vytenis Povilas Andriukaitis, Pierre Jouvet, Nikos Papandreou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Iħeġġeġ lill-Istati Membri ***jistabbilixxu strateġiji nazzjonali rigward il-persunal farmaċewtiku biex jiddefinixxu r-rwoli tal-ispiżjara tal-komunità fil-kura integrata; jirrikonoxxi*** li l-ispiżeriji tal-komunità huma faċilitajiet tas-saħħa tal-ewwel linja, ibbażati fil-komunità u infrastrutturi tas-saħħa essenzjali;	12. Iħeġġeġ lill-Istati Membri ***jirrikonoxxu*** li l-ispiżeriji tal-komunità huma faċilitajiet tas-saħħa tal-ewwel linja, ibbażati fil-komunità u infrastrutturi tas-saħħa essenzjali ***filwaqt li jirrispettaw il-kompetenzi nazzjonali u d-diversità tal-mudelli tas-sistema tas-saħħa***;

Or. en

Emenda 513
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jirrikonoxxi li l-ispiżjara tal-isptarijiet diġà huma integrati tajjeb fil-

kura tal-pazjenti u tal-pazjenti ta' barra f'ħafna sptarijiet, li jipprovdu amministrazzjoni tal-mediċini, politiki ta' użu sikur tal-mediċina u ġestjoni tal-katina tal-provvista sikura u reżiljenti; jissottolinja r-rwol ewlieni tagħhom fil-promozzjoni tal-użu razzjonali tal-antibijotiċi, u l-ġlieda kontra r-reżistenza għall-antimikrobiċi (AMR); u jistieden lill-UE u lill-Istati Membri jibnu fuq il-prattiki tajbin eżistenti billi jsaħħu l-ispiżeriji tal-isptarijiet bħala ċentri ta' għarfien u taħriġ, irawmu integrazzjoni u kollaborazzjoni aħjar man-networks tal-ispiżeriji tal-komunità biex tissaħħaħ il-kontinwità tas-sikurezza tal-kura u tal-pazjenti;

Or. en

Emenda 514
Victor Negrescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu allokati riżorsi tal-UE u nazzjonali biex jitnaqqsu l-inugwaljanzi soċjali fl-aċċess għall-kura tas-saħħa, filwaqt li jiġi żgurat li ċ-ċittadini kollha fl-Unjoni kollha jkunu jistgħu jeżerċitaw id-dritt tagħhom għas-saħħa, irrispettivament mill-introjtu, mill-età jew mill-post ta' residenza; jenfasizza l-għadd dejjem jikber ta' ċittadini b'introjtu baxx li jirrapportaw ħtiġijiet ta' kura medika mhux issodisfati u jappella għal investiment imsaħħaħ fil-prevenzjoni, id-dijanjożi bikrija u l-programmi ta' skrinjar, li jirrappreżentaw approċċi aktar effettivi, sikuri u kosteffiċjenti għall-pazjenti, għall-professjonisti fil-kura tas-saħħa u għall-Istati Membri bl-istess mod;

Or. en

Emenda 515
Giorgos Georgiou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jenfasizza li ż-żamma tal-forza tax-xogħol waħedha mhux se ssolvi l-kriżi tal-forza tax-xogħol tas-saħħa multidimensjonali; jappella għal inizjattivi ta' ottimizzazzjoni tas-sistema tal-kura tas-saħħa mmexxija mill-forza tax-xogħol, li jiffukaw fuq it-tnaqqis tal-piż amministrattiv, it-titjib tal-ħidma f'tim u l-provvista tas-servizz, u l-iffaċilitar tal-użu effettiv tal-għodod diġitali; jisħaq li tali inizjattivi jirrikjedu riżorsi adegwati, taħriġ u ħin protett għall-professjonisti fil-kura tas-saħħa biex jidentifikaw u jindirizzaw l-ineffiċjenzi fix-xogħol ta' kuljum tagħhom;

Or. en

Emenda 516
Vytenis Povilas Andriukaitis, Marta Temido, Nikos Papandreou, Pierre Jouvet

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jirrakkomanda li jsir investiment f'data affidabbli u fi studji empiriċi dettaljati dwar ir-relazzjoni bejn ir-rimessi, il-kost tat-taħriġ tal-professjonisti fil-kura tas-saħħa u l-impatti pożittivi u negattivi tal-migrazzjoni tagħhom għall-pajjiżi ta' oriġini jew destinazzjoni u rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż, abbażi tal-osservazzjonijiet ta'

dawn l-istudji;

Or. en

Emenda 517
Marie-Luce Brasier-Clain, Aleksandar Nikolic, Nikola Bartůšek, Ondřej Knotek, Valérie Deloge, Viktória Ferenc, Pál Szekeres, Margarita de la Pisa Carrión

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jappoġġja lill-awtoritajiet lokali tal-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jattiraw u jżommu fit-territorji tagħhom forza tax-xogħol fil-qasam tal-kura tas-saħħa sabiex jirrimedjaw id-dežerti mediċi tagħhom;

Or. fr

Emenda 518
Viktória Ferenc, Pál Szekeres, Marie-Luce Brasier-Clain

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex ma tużax il-kwistjoni tas-saħħa bħala kwistjoni politika minħabba li s-saħħa tal-Ewropej f'Ewropa li qed tixjieħ hija kwistjoni pan-Ewropea u mhux politika;

Or. en

Emenda 519
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12b. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsaħħu l-inizjattivi ta' sensibilizzazzjoni u taħriġ għall-professjonisti fil-kura tas-saħħa, inklużi l-ispiżjara, dwar l-immaniġġjar, ir-rimi u r-riċiklaġġ xierqa tal-prodotti mediċinali, sabiex jiġi mminimizzat it-tniġġis farmaċewtiku u jiġu appoġġjati l-objettivi ambjentali u tas-saħħa pubblika tal-UE; jinkoraġġixxi miżuri għall-promozzjoni ta' skemi ta' riċiklaġġ sikur u ta' teħid lura, it-tnaqqis tat-tniġġis minn residwi farmaċewtiċi u l-integrazzjoni ta' prinċipji ta' sostenibbiltà fit-taħriġ tal-kura tas-saħħa u fil-prattika ta' kuljum;

Or. en

Emenda 520
Victor Negrescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12b. Jisħaq fuq l-importanza strateġika ta' sistemi tal-kura tas-saħħa pubblika sodi u aċċessibbli bħala pedament tas-solidarjetà u t-tħejjija Ewropej; iwissi li hemm riskju li d-dipendenza eċċessiva mill-privatizzazzjoni ddgħajjef l-aċċess universali u r-reżiljenza fit-tul, u jappella għal mudelli tas-sistema tas-saħħa bbilanċjati li jissalvagwardjaw il-prezzijiet raġonevoli, l-ekwità u s-sostenibbiltà tal-provvista tal-kura fl-Unjoni Ewropea kollha;

Or. en

Emenda 521

Kathleen Funchion

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Subintestatura 3a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Jirrikonoxxi l-finalizzazzjoni tal-akkomodazzjoni u s-servizzi soċjali ewlenin, bħall-indukrar tat-tfal li wasslet għall-"eżodu ta' mħuħ" fil-forza tax-xogħol fil-qasam tal-kura tas-saħħa;

Or. en

Emenda 522
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Irena Joveva, Vlad Vasile-Voiculescu, Jana Toom, Stine Bosse, Hristo Petrov, Olivier Chastel, Grégory Allione

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri mmirati biex jindirizzaw l-eżodu ta' mħuħ u jippromwovu l-ippjanar sostenibbli għall-forza tax-xogħol tas-saħħa;	13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri ***xierqa*** mmirati biex jindirizzaw l-eżodu ta' mħuħ u jippromwovu l-ippjanar sostenibbli għall-forza tax-xogħol tas-saħħa***, inkluż billi jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u l-opportunitajiet tal-iżvilupp tal-karriera***; ***jisħaq fuq il-ħtieġa li jiżdied l-investiment fl-edukazzjoni għolja għall-professjonijiet tal-kura tas-saħħa u li jiġu promossi kampanji fil-livell tal-UE u nazzjonali li jħeġġu liż-żgħażagħ jibqgħu u jaħdmu fis-sistemi tal-kura tas-saħħa ta' pajjiżhom; jistieden ukoll lill-Istati Membri jinvestu fis-sistema tal-edukazzjoni u tat-taħriġ tagħhom filwaqt li jantiċipa ħtieġa akbar ta' professjonisti u jħeġġeġ lill-Kummissjoni timmonitorja l-politiki nazzjonali u l-investiment f'dak il-qasam;***

Or. en

Emenda 523
Aurelijus Veryga

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri mmirati biex jindirizzaw l-eżodu ta' mħuħ u jippromwovu l-ippjanar sostenibbli għall-forza tax-xogħol tas-saħħa;	13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri mmirati biex jindirizzaw l-eżodu ta' mħuħ u jippromwovu l-ippjanar sostenibbli għall-forza tax-xogħol tas-saħħa***, inkluż permezz tal-istabbiliment ta' parametri referenzjarji tal-kapaċità minimi, sabiex jiġu antiċipati l-ħtiġijiet futuri li jirriżultaw mill-bidliet demografiċi, il-piż tal-mard, il-prattiki tal-kura tas-saħħa li qed jevolvu u l-aspettattivi dejjem jinbidlu tal-ħaddiema tal-kura tas-saħħa, filwaqt li jiġu żgurati livelli ta' persunal adegwati u tinżamm kura tal-pazjenti ta' kwalità għolja***;

Or. en

Emenda 524
Elena Nevado del Campo, Dolors Montserrat

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri mmirati biex jindirizzaw l-eżodu ta' mħuħ u jippromwovu l-ippjanar sostenibbli għall-forza tax-xogħol tas-saħħa;	13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri mmirati biex jindirizzaw l-eżodu ta' mħuħ u jippromwovu l-ippjanar sostenibbli għall-forza tax-xogħol tas-saħħa***, b'tali mod li dan ikun ibbażat fuq tqassim ġust u bilanċjat tal-pożijiet tax-xogħol, bil-għan li jittejbu l-kwalità u l-effiċjenza tas-servizzi tas-saħħa u jiġi pprevenut piż ta' xogħol eċċessiv u eżawriment fost il-professjonisti tal-qasam tas-saħħa***;

Or. es

Emenda 525
András Tivadar Kulja

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jieħdu*** miżuri mmirati biex jindirizzaw l-eżodu ta' mħuħ u jippromwovu l-ippjanar sostenibbli għall-forza tax-xogħol tas-saħħa;	13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jiġbru data ta' kwalità għolja u jieħdu*** miżuri mmirati biex ***jiksbu l-awtosuffiċjenza fl-edukazzjoni u t-taħriġ ta' għadd adegwat ta' professjonisti fil-kura tas-saħħa skont il-ħtiġijiet nazzjonali tagħhom;*** biex jindirizzaw l-eżodu ta' mħuħ u jippromwovu l-ippjanar sostenibbli għall-forza tax-xogħol tas-saħħa;

Or. en

Emenda 526
Maria Ohisalo, Tilly Metz
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jistieden ***lill-Kummissjoni u*** lill-Istati Membri jieħdu miżuri mmirati biex ***jindirizzaw l-eżodu ta' mħuħ u jippromwovu*** l-ippjanar sostenibbli għall-forza tax-xogħol ***tas-saħħa***;	13. Jistieden lill-Istati Membri***, b'mod konġunt mal-Kummissjoni,*** jieħdu miżuri ***kkoordinati*** mmirati biex ***jiksbu l-awtosuffiċjenza fl-edukazzjoni u t-taħriġ ta' għadd adegwat ta' ħaddiema tal-kura tas-saħħa għall-ħtiġijiet nazzjonali tagħhom, li tippromwovi*** l-ippjanar sostenibbli għall-forza tax-xogħol ***u tipprevjeni l-eżodu ta' mħuħ***;

Or. en

Emenda 527
Laurent Castillo, Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri mmirati biex jindirizzaw l-eżodu ta' mħuħ u jippromwovu l-ippjanar sostenibbli għall-forza tax-xogħol tas-saħħa;	13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri mmirati biex ***jattiraw aktar żgħażagħ lejn ix-xogħlijiet tal-kura,*** jindirizzaw l-eżodu ta' mħuħ u jippromwovu l-ippjanar sostenibbli għall-forza tax-xogħol tas-saħħa ***f'konformità mal-valutazzjoni tal-piramida tal-etajiet u l-mard***;

Or. fr

Emenda 528
Dan-Ştefan Motreanu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri mmirati biex jindirizzaw l-eżodu ta' mħuħ u jippromwovu l-ippjanar sostenibbli għall-forza tax-xogħol tas-saħħa;	13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri mmirati biex ***jiksbu l-awtosuffiċjenza fl-edukazzjoni u t-taħriġ ta' għadd adegwat ta' ħaddiema tal-kura tas-saħħa għall-ħtiġijiet nazzjonali tagħhom*** u jindirizzaw l-eżodu ta' mħuħ u jippromwovu l-ippjanar sostenibbli għall-forza tax-xogħol tas-saħħa;

Or. en

Emenda 529
Giorgos Georgiou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri mmirati biex jindirizzaw l-eżodu ta' mħuħ u jippromwovu l-ippjanar sostenibbli għall-forza tax-xogħol tas-saħħa;	13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri mmirati biex ***jiksbu l-awtosuffiċjenza fl-edukazzjoni u t-taħriġ ta' għadd adegwat ta' professjonisti fil-kura tas-saħħa skont il-ħtiġijiet nazzjonali tagħhom;*** jindirizzaw l-eżodu ta' mħuħ u jippromwovu l-ippjanar sostenibbli għall-forza tax-xogħol tas-saħħa;

Or. en

Emenda 530
Loucas Fourlas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri mmirati biex jindirizzaw l-eżodu ta' mħuħ u jippromwovu l-ippjanar sostenibbli għall-forza tax-xogħol tas-saħħa;	13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri mmirati biex ***jiksbu l-awtosuffiċjenza fl-edukazzjoni u t-taħriġ ta' għadd adegwat ta' professjonisti fil-kura tas-saħħa skont il-ħtiġijiet nazzjonali tagħhom;*** jindirizzaw l-eżodu ta' mħuħ u jippromwovu l-ippjanar sostenibbli għall-forza tax-xogħol tas-saħħa;

Or. en

Emenda 531
Kateřina Konečná

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri mmirati biex jindirizzaw l-eżodu ta' mħuħ u jippromwovu l-ippjanar sostenibbli għall-forza tax-xogħol tas-saħħa;	13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri mmirati biex ***jiksbu l-awtosuffiċjenza fl-edukazzjoni u t-taħriġ ta' għadd adegwat ta' professjonisti fil-kura tas-saħħa skont il-***

ħtiġijiet nazzjonali tagħhom; jindirizzaw l-eżodu ta' mħuħ u jippromwovu l-ippjanar sostenibbli għall-forza tax-xogħol tas-saħħa;

Or. en

Emenda 532
Nikos Papandreou, Romana Jerković, Christophe Clergeau, Vytenis Povilas Andriukaitis

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri mmirati biex jindirizzaw l-eżodu ta' mħuħ ***u jippromwovu l-ippjanar*** sostenibbli għall-forza tax-xogħol tas-saħħa;	13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri mmirati biex jindirizzaw l-eżodu ta' mħuħ ***permezz ta' iżda mhux limitat għall-promozzjoni tal-ippjanar*** sostenibbli ***u effiċjenti*** għall-forza tax-xogħol tas-saħħa***, sussidji, benefiċċju għall-akkomodazzjoni u opportunitajiet ta' mentoraġġ***;

Or. en

Emenda 533
Pascal Arimont

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri mmirati biex jindirizzaw l-eżodu ta' mħuħ u jippromwovu l-ippjanar sostenibbli għall-forza tax-xogħol tas-saħħa;	13. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri mmirati biex jindirizzaw l-eżodu ta' mħuħ u jippromwovu l-ippjanar sostenibbli ***u sostenibbli*** għall-forza tax-xogħol tas-saħħa ***u l-mentoraġġ***;

Or. en

Emenda 534
Christine Anderson, Petar Volgin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jistieden ***lill-Kummissjoni u*** lill-Istati Membri jieħdu miżuri mmirati biex jindirizzaw ***l-eżodu ta' mħuħ*** u jippromwovu l-ippjanar ***sostenibbli*** għall-forza tax-xogħol tas-saħħa;	13. Jistieden lill-Istati Membri jieħdu miżuri mmirati biex jindirizzaw ***ir-reklutaġġ u ż-żamma ta' persunal ta' kwalità*** u jippromwovu l-ippjanar ***fit-tul*** għall-forza tax-xogħol tas-saħħa;

Or. en

Emenda 535
Victor Negrescu

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistabbilixxu mekkaniżmi ta' finanzjament iddedikati biex jappoġġjaw inizjattivi ta' ritorn tal-imħuħ, li jiffaċilitaw ir-ritorn u r-reintegrazzjoni tal-professjonisti fil-kura tas-saħħa fil-pajjiżi ta' oriġini tagħhom; jisħaq li l-istrumenti tal-politika ta' koeżjoni, inklużi l-programmi FSE+ u EU4Health, għandhom jintużaw biex jiffinanzjaw inċentivi mmirati, skemi ta' mentoraġġ u ċentri ta' eċċellenza li jippermettu t-trasferiment tal-ħiliet u tal-għarfien miksuba fi Stati Membri oħra;

Or. en

Emenda 536
Loucas Fourlas

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jirrakkomanda lill-Istati Membri tal-UE jimplimentaw bis-sħiħ l-Artikolu 14(5) tad-Direttiva 2005/36/KE kif emendata mid-Direttiva 2013/55/UE (id-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali) u jiżguraw trattament ugwali kif iddikjarat fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/7700, il-kapitolu VI, il-punt 51, li tistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-kwalifiki miksuba fl-Unjoni jiġu rikonoxxuti bl-istess mod irrispettivament jekk humiex ta' ċittadini tal-Unjoni jew nazzjonali ta' pajjiżi terzi;

Or. en

Emenda 537
Romana Jerković, Vilija Blinkevičiūtė, Vytenis Povilas Andriukaitis, Nikos Papandreou, Estelle Ceulemans, Marta Temido, Nicolás González Casares

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jenfasizza l-importanza li jiġi ssalvagwardjat id-dritt li wieħed jibqa' fit-territorju għall-ħaddiema tal-kura tas-saħħa li jixtiequ jibnu l-karrieri professjonali tagħhom fl-Istati Membri tagħhom, billi jiġu żgurati remunerazzjoni ġusta, kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u aċċess għal żvilupp professjonali kontinwu; jissottolinja li l-mobbiltà tal-forza tax-xogħol fl-Unjoni għandha tkun għażla, mhux ħtieġa xprunata minn inugwaljanzi persistenti fl-opportunitajiet ta' impjieg u karriera fl-Istati Membri kollha;

Or. en

Emenda 538
Maria Zacharia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jadottaw politiki komuni biex inaqqsu l-"eżodu ta' mħuħ" minn pajjiżi tal-UE b'introjtu aktar baxx; jitlob aktar investiment pubbliku fis-salarji, fil-kundizzjonijiet tax-xogħol u fil-programmi ta' taħriġ fil-pajjiżi ta' oriġini, sabiex il-mobbiltà tkun kwistjoni ta' għażla aktar milli soluzzjoni sfurzata;

Or. el

Emenda 539
Veronika Cifrová Ostrihoňová, Irena Joveva, Vlad Vasile-Voiculescu, Jana Toom, Stine Bosse, Olivier Chastel, Grégory Allione

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jistieden lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, tistabbilixxi osservatorju tal-forza tax-xogħol fil-qasam tal-kura tas-saħħa, li se jiġbor data dwar il-livelli ta' persunal, id-dawran tal-persunal, il-migrazzjoni, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, l-indikaturi tal-ġeneru u tal-ugwaljanza, il-parteċipazzjoni fit-taħriġ u l-ħiliet diġitali, u għandu joħroġ tbassir annwali sa għaxar snin biex jappoġġja l-ippjanar;

Or. en

Emenda 540

Ruggero Razza, Michele Picaro, Carlo Ciccioli, Laurence Trochu, Aurelijus Veryga, Francesco Torselli, Chiara Gemma

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jissottolinja li ż-żamma tal-persunal eżistenti hija l-mod l-aktar effettiv u affordabbli biex jiġu stabbilizzati s-sistemi tal-kura tas-saħħa u jitlob li jiġu adottati miżuri biex jiġi appoġġjat il-benesseri tal-persunal, tissaħħaħ il-protezzjoni mill-vjolenza, jitjiebu l-prattiki tax-xiftijiet u jiġi indirizzat il-burnout;

Or. it

Emenda 541
Giorgos Georgiou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jirrikonoxxi r-rwol doppju tat-tobba li għadhom qed jispeċjalizzaw u t-trainees ta' wara l-ewwel grad kemm bħala studenti kif ukoll ħaddiema; jappella għall-protezzjoni legali speċifika, għar-remunerazzjoni ġusta, għall-kundizzjonijiet ta' xogħol sikur, għall-mistrieħ protett u għas-superviżjoni adegwata tagħhom f'konformità mal-istandards tax-xogħol tal-UE;

Or. en

Emenda 542
Vytenis Povilas Andriukaitis, Marta Temido, Nikos Papandreou, Pierre Jouvet

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri biex jimminimizzaw il-ħela ta' mħuħ ikkawżata minn professjonisti fil-kura tas-saħħa li jaħdmu f'pożizzjonijiet ta' xogħol b'ħiliet baxxi jew medji, li għalihom ma hemmx bżonn li tkun gradwat;

Or. en

Emenda 543
Laurent Castillo, Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jistieden lill-Istati Membri jżidu n-numru ta' postijiet ta' taħriġ inizjali, sabiex jappoġġjaw il-fakultajiet tal-mediċina u l-isptarijiet universitarji ħalli tiġi ggarantita kwalità pedagoġika u klinika;

Or. fr

Emenda 544
Aurelijus Veryga

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jistieden lill-UE tappoġġja lill-Istati Membri l-aktar affettwati mill-eżodu tal-ħaddiema tas-saħħa, biex b'hekk ikunu jistgħu jżommu servizzi tal-kura tas-saħħa ta' kwalità u jimplimentaw politiki ta' żamma effettivi;

Or. en

Emenda 545
Marta Temido, Romana Jerković, Vytenis Povilas Andriukaitis, Pierre Jouvet

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13fa (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu miżuri biex jimminimizzaw il-ħela ta' mħuħ ikkawżata minn professjonisti fil-kura tas-saħħa li jaħdmu f'pożizzjonijiet ta' xogħol b'ħiliet baxxi jew medji;

Or. en

Emenda 546
Ruggero Razza, Michele Picaro, Carlo Ciccioli, Laurence Trochu, Aurelijus Veryga, Francesco Torselli, Chiara Gemma

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13b. Jappoġġja l-kooperazzjoni volontarja fit-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' taħriġ, inklużi l-ħiliet lingwistiċi, diġitali u tal-kura tas-saħħa bbażata fil-komunità, il-perkorsi ta' ritorn għas-servizz u r-rikonoxximent tat-tagħlim tal-passat, filwaqt li tiġi rrispettata l-kompetenzi nazzjonali għas-sistemi edukattivi u l-kwalifiki professjonali;

Or. it

Emenda 547
Romana Jerković, Vilija Blinkevičiūtė, Vytenis Povilas Andriukaitis, Nikos Papandreou, Estelle Ceulemans, Marta Temido, Nicolás González Casares

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13b. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jespandu l-opportunitajiet għaż-żgħażagħ u l-istudenti f'oqsma relatati mal-kura tas-saħħa permezz ta' strumenti tal-UE eżistenti bħall-Erasmus+, EU4Health u l-FSE+, billi jżidu l-aċċess għall-internships transfruntiera, l-iskemi ta' mobbiltà u l-programmi ta' taħriġ;

Or. en

Emenda 548
Viktória Ferenc, Pál Szekeres, Marie-Luce Brasier-Clain

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. ***Jinkoraġġixxi mobbiltà ġusta tal-forza tax-xogħol fil-qasam tal-kura tas-saħħa fi ħdan l-UE, iffaċilitata mid-Direttiva dwar il-Kwalifiki Professjonali***; iqis ***ir-reklutaġġ*** internazzjonali etiku, f'konformità mal-Kodiċi ta' Prattika Globali tad-WHO, ***bħala*** miżura ***komplementari*** u temporanja ***biss***, ***sabiex*** ma ***jaggravawx*** l-iskarsezzi fil-pajjiżi ta' oriġini;	14. ***Jisħaq li l-mobbiltà tal-professjonisti fil-kura tas-saħħa ma għandhiex tiġi inkoraġġita għad-detriment tas-sistemi nazzjonali li diġà huma taħt pressjoni; ifakkar li din fl-ebda ċirkostanza ma trid twassal għal dumping soċjali jew tikkawża eżodu ta' mħuħ mill-aktar pajjiżi vulnerabbli***; iqis ***li r-reklutaġġ*** internazzjonali etiku ***mhux abbużiv***, f'konformità mal-Kodiċi ta' Prattika Globali tad-WHO, ***huwa biss*** miżura ***ta' emerġenza*** u temporanja, ***li hija maħsuba biex*** ma ***tiggravax*** l-iskarsezzi fil-pajjiżi ta' oriġini;

Or. en